PARLAMENT TA' MALTA

Mistoqsijiet Parlamentari

Parlament Leġiżlatura XV

Seduta Numru 25

It-Tlieta, 20 t'Ottubru, 2026 fl-4:00 p.m.

MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI

PERSUNI LI KISBU Ċ-ĊITTADINANZA MALTIJA

282. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm persuni kisbu ċ-ċittadinanza Maltija bejn l-2022 u l-2026 u kemm minn dawn il-persuni ġew inklużi fir-reġistru elettorali?

24/06/2026

ONOR. ROBERT ABELA: Infakkar lill-Onor. Interpellant li l-Kummissjoni Elettorali hija entità kostituzzjonali indipendenti li ma' taqa' taħt il-kontroll ta' l-ebda Ministeru. Peress li l-mistoqsijiet tal-Onor. Membru qed jirreferu għal statistika marbuta mal-proċess elettorali, li taqa' taħt ir-responsabiltà tal-Kummissjoni Elettorali, nitlob li l-mistoqsijiet jitressqu għal kunsiderazzjoni tal-istess entità kostituzzjonali.

Seduta Numru 25
20/10/2026

ELETTORAT MALTI – STATISTIKA UFFIĊJALI DWAR IL-KOMPOŻIZZJONI RELIĠJUŻA

283. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid jekk teżistix statistika uffiċjali dwar il-kompożizzjoni reliġjuża tal-elettorat Malti?

24/06/2026

ONOR. ROBERT ABELA: Infakkar lill-Onor. Interpellant li l-Kummissjoni Elettorali hija entità kostituzzjonali indipendenti li ma' taqa' taħt il-kontroll ta' l-ebda Ministeru. Peress li l-mistoqsijiet tal-Onor. Membru qed jirreferu għal statistika marbuta mal-proċess elettorali, li taqa' taħt ir-responsabiltà tal-Kummissjoni Elettorali, nitlob li l-mistoqsijiet jitressqu għal kunsiderazzjoni tal-istess entità kostituzzjonali.

Seduta Numru 25
20/10/2026

ĠBIR TA' DATA DEMOGRAFIKA

284. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Prim Ministru: Jekk statistika dwar il-kompożizzjoni reliġjuża ma teżistix, jista' l-Prim Ministru jgħid jekk hemmx intenzjoni li tinġabar data demografika aktar dettaljata dwar l-elettorat?

24/06/2026

ONOR. ROBERT ABELA: Infakkar lill-Onor. Interpellant li l-Kummissjoni Elettorali hija entità kostituzzjonali indipendenti li ma' taqa' taħt il-kontroll ta' l-ebda Ministeru. Peress li l-mistoqsijiet tal-Onor. Membru qed jirreferu għal statistika marbuta mal-proċess elettorali, li taqa' taħt ir-responsabiltà tal-Kummissjoni Elettorali, nitlob li l-mistoqsijiet jitressqu għal kunsiderazzjoni tal-istess entità kostituzzjonali.

Seduta Numru 25
20/10/2026

ELEZZJONI ĠENERALI 2026 – PERSUNI LI TWIELDU BARRA MINN MALTA

285. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm-il persuna li twieldet barra minn Malta kienet reġistrata biex tivvota fl-Elezzjoni Ġenerali tal-2026?

24/06/2026

ONOR. ROBERT ABELA: Infakkar lill-Onor. Interpellant li l-Kummissjoni Elettorali hija entità kostituzzjonali indipendenti li ma' taqa' taħt il-kontroll ta' l-ebda Ministeru. Peress li l-mistoqsijiet tal-Onor. Membru qed jirreferu għal statistika marbuta mal-proċess elettorali, li taqa' taħt ir-responsabiltà tal-Kummissjoni Elettorali, nitlob li l-mistoqsijiet jitressqu għal kunsiderazzjoni tal-istess entità kostituzzjonali.

Seduta Numru 25
20/10/2026

ANALIŻI STATISTIKA – ŻIEDA FIL-VOTANTI REĠISTRATI

286. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra analiżi statistika dwar iż-żieda fil-votanti reġistrati matul l-aħħar għaxar snin, inkluż kemm minnhom kienu ċittadini naturalizzati?

24/06/2026

ONOR. ROBERT ABELA: Infakkar lill-Onor. Interpellant li l-Kummissjoni Elettorali hija entità kostituzzjonali indipendenti li ma' taqa' taħt il-kontroll ta' l-ebda Ministeru. Peress li l-mistoqsijiet tal-Onor. Membru qed jirreferu għal statistika marbuta mal-proċess elettorali, li taqa' taħt ir-responsabiltà tal-Kummissjoni Elettorali, nitlob li l-mistoqsijiet jitressqu għal kunsiderazzjoni tal-istess entità kostituzzjonali.

Seduta Numru 25
20/10/2026

KUMMISSJONI ELETTORALI – VOTANTI REĠISTRATI – PAJJIŻ TAT-TWELID

287. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid jekk il-Kummissjoni Elettorali żżommx data dwar il-pajjiż tat-twelid tal-votanti reġistrati?

24/06/2026

ONOR. ROBERT ABELA: Infakkar lill-Onor. Interpellant li l-Kummissjoni Elettorali hija entità kostituzzjonali indipendenti li ma' taqa' taħt il-kontroll ta' l-ebda Ministeru. Peress li l-mistoqsijiet tal-Onor. Membru qed jirreferu għal statistika marbuta mal-proċess elettorali, li taqa' taħt ir-responsabiltà tal-Kummissjoni Elettorali, nitlob li l-mistoqsijiet jitressqu għal kunsiderazzjoni tal-istess entità kostituzzjonali.

Seduta Numru 25
20/10/2026

PROĠETTI STRATEĠIĊI LI JINSABU F'DEWMIEN

784. L-ONOR. DARREN CARABOTT staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jelenka l-proġetti strateġiċi kollha li bħalissa jinsabu f'dewmien meta mqabbla mal-pjan jew strateġija oriġinali tagħhom u għal kull wieħed jagħti r-raġuni ewlenija tad-dewmien?

02/07/2026

ONOR. SILVIO SCHEMBRI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Proġetti strateġiċi li bħalissa ma hemm ebda proġett li beda u li jinsab f'dewmien meta mqabbel mal-pjan stabbilit. Madanakollu hemm tliet proġetti li huma suġġetti ta' appell kif qed jiġi spjegat hawn taħt, u li huma l-proġetti tax-Chalet, l-Evans Building u L-Pixkerija. Il-konċessjonijiet tal-proġetti ta' Evans Building u Chalet jinstabu fil-proċess avvanzat u mistenni li jkun iffirmat il-kuntratt fix-xhur li ġejjin wara li jkunu eżawriti l-proċessi mitluba skont il-liġi. Il-konċessjoni tal-proġett tal-Pixkerija tinsab fi stadju ta' appell quddiem il-Qorti, b'deċiżjoni mistennija qabel tmiem is-sena.

Seduta Numru 25
20/10/2026

PROĠETTI STRATEĠIĊI – POST-IMPLEMENTATION REVIEW

785. L-ONOR. DARREN CARABOTT staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk għal kull proġett strateġiku li jaqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu saritx valutazzjoni wara l-implimentazzjoni ("post-implementation review"), u jqiegħed kopja tagħha fuq il-Mejda tal-Kamra fejn din teżisti?

02/07/2026

ONOR. SILVIO SCHEMBRI: Ninforma lill-Onor. Interpellant, li sa issa ma hemm ebda proġett li seta' jsir post-implementation review fuqu wara l-implimentazzjoni.

Seduta Numru 25
20/10/2026

PROĠETTI STRATEĠIĊI – KUNTRATTI LI ĠEW ESTIŻI

786. L-ONOR. DARREN CARABOTT staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il kuntratt relatat ma' proġetti strateġiċi ġie estiż jew varjat wara l-għoti tiegħu, matul l-aħħar tliet snin, flimkien mar-raġuni għal kull estensjoni jew varjazzjoni?

02/07/2026

ONOR. SILVIO SCHEMBRI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li, l-ebda kuntratt relatat ma' proġetti strateġiċi ma ġie estiż jew varjat wara l-għoti tiegħu.

Seduta Numru 25
20/10/2026

INFRASTRUTTURA DIĠITALI – PJAN NAZZJONALI

787. L-ONOR. DARREN CARABOTT staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Ministeru għandux pjan nazzjonali dwar ir-reżiljenza tal-infrastruttura diġitali kritika? Jista' jgħid ukoll jekk sarux stress-tests jew simulazzjonijiet matul dawn l-aħħar sentejn?

02/07/2026

ONOR. SILVIO SCHEMBRI: Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 25
20/10/2026

SERVIZZI TA' BROADBAND U 5G – STUDJI/VALUTAZZJONIJIET

788. L-ONOR. DARREN CARABOTT staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kwalunkwe studju jew valutazzjoni li saru dwar il-livell ta' kopertura u kwalità tas-servizzi ta' broadband u 5G f'Malta u Għawdex matul l-aħħar sentejn?

02/07/2026

ONOR. SILVIO SCHEMBRI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li tali informazzjoni diġà tpoġġiet fuq il-mejda tal-Kamra fir-rapport annwali tal-Awtorità Maltija dwar il-Komunikazzjoni (MCA).

Seduta Numru 25
20/10/2026

FREEPORT – SUĊĊESS TA' INVESTIMENTI RIĊENTI

789. L-ONOR. DARREN CARABOTT staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid x'indikaturi ta' prestazzjoni (KPIs) intużaw sabiex jitkejjel is-suċċess tal-investimenti riċenti fil-Freeport u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-aħħar rapport ta' monitoraġġ disponibbli?

02/07/2026

ONOR. SILVIO SCHEMBRI: Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jiċċara għal-liema investiment qiegħed jirreferi.

Seduta Numru 25
20/10/2026

TALLINJA CARD - APP

1064. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 54 u jgħid jekk hemmx pjan biex persuni jkunu jistgħu jużaw l-app minflok it-Tallinja Card fuq il-karozzi tal-linja?

08/07/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li tajt għall-mistoqsija parlamentari 54 f'Seduta 10.

Seduta Numru 25
20/10/2026

AKKOMODAZZJONI SOĊJALI – PERSUNI B'DIŻABILITÀ

1831. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni b'diżabilità li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali u jekk l-akkomodazzjoni fejn jgħixu hijiex aċċessibbli għal persuni b'diżabilità?

17/07/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi hemm madwar 209 persuni b'diżabilità li ġew allokati akkomodazzjoni soċjali.
Fl-allokazzjoni ta' akkomodazzjoni soċjali lil persuni b'diżabilità, jitqiesu l-ħtiġijiet partikolari tal-persuna kkonċernata sabiex l-akkomodazzjoni allokata tkun adegwata għaċ-ċirkostanzi u l-bżonnijiet tagħha.
Il-ħtiġijiet ta' aċċessibiltà jvarjaw minn persuna għal oħra u jistgħu jinkludu, fost oħrajn, aċċess għall-entratura mingħajr turġien, akkomodazzjoni fil-pjan terran, aċċess permezz ta' lift, kif ukoll spazji u faċilitajiet interni adattati għall-ħtiġijiet tal-persuna. Kien hemm ukoll każijiet fejn sar bdil ta' akkomodazzjoni sabiex il-proprjetà tkun aktar adegwata għall-ħtiġijiet tal-persuna kkonċernata.
Id-deċiżjoni finali dwar l-adegwatezza tal-akkomodazzjoni li tiġi allokata taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Bord tal-Allokazzjonijiet, li għandu quddiemu ċ-ċirkostanzi u l-ħtiġijiet partikolari tal-applikant. Għandi fiduċja li l-Bord jagħmel l-evalwazzjoni meħtieġa u jieħu d-deċiżjoni finali tiegħu abbażi tal-ħtiġijiet, inklużi dawk ta' aċċessibiltà, tal-persuna kkonċernata.

Seduta Numru 25
20/10/2026

AKKOMODAZZJONI SOĊJALI – ĠENITURI WAĦEDHOM

1832. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm ġenituri waħedhom li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali?

17/07/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità tad-Djar ma żżommx profil tal-inkwilini skont il-qagħda familjari tagħhom. Għaldaqstant, din l-informazzjoni mhijiex disponibbli.

Seduta Numru 25
20/10/2026

AKKOMODAZZJONI SOĊJALI – ANZJANI

1833. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm anzjani li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali li għandhom carer?

17/07/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità tad-Djar ma żżommx din l-informazzjoni, peress li l-fatt li persuna jkollha carer mhuwiex rekwiżit jew kriterju għall-allokazzjoni jew għall-okkupazzjoni ta' akkomodazzjoni soċjali. Għaldaqstant, din id-data mhijiex disponibbli.

Seduta Numru 25
20/10/2026

SKEJJEL - BULLYING U CYBERBULLYING – LINJI GWIDA

1849. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid jekk jeżistux proċeduri, protokolli jew linji gwida fis-seħħ għall-prevenzjoni u l-indirizzar tal-bullying u ċ-cyberbullying fl-iskejjel? Jekk iva, jista' jqiegħed kopja tagħhom fuq il-Mejda tal-Kamra?

17/07/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninsab infurmat li l-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Isport għandu fis-seħħ diversi proċeduri, protokolli u linji gwida li jirregolaw il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-indirizzar tal-bullying u ċ-cyberbullying fl-iskejjel. Dawn jinkludu, fost l-oħrajn, il-politika kontra l-bullying, il-proċeduri ta' rappurtar u intervent, il-linji gwida għall-edukaturi u t-tmexxija tal-iskejjel, kif ukoll miżuri ta' prevenzjoni permezz ta' programmi ta' sensibilizzazzjoni u edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza diġitali u l-użu responsabbli tat-teknoloġija.

Seduta Numru 25
20/10/2026

SKEJJEL - KAMPANJI EDUKATTIVI

1850. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista tal-kampanji edukattivi, programmi ta' għarfien u inizjattivi li twettqu fl-iskejjel mill-2010 jew mill-ewwel sena li għaliha hija disponibbli d-data, sal-aktar data reċenti disponibbli?

17/07/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninsab infurmat li matul is-snin twettqu diversi kampanji edukattivi, programmi ta' għarfien u inizjattivi fl-iskejjel li indirizzaw suġġetti relatati mal-litteriżmu diġitali, iċ-ċittadinanza diġitali, is-sigurtà online, il-ħsieb komputazzjonali, il-kodifikazzjoni (coding), il-media literacy, l-użu responsabbli tat-teknoloġija u temi oħra relatati mal-edukazzjoni diġitali. Twettqu wkoll diversi kampanji ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni dwar l-assessjar.

Seduta Numru 25
20/10/2026

SKEJJEL - KAMPANJI EDUKATTIVI– SUĠĠETTI INDIRIZZATI

1851. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid liema kienu s-suġġetti indirizzati minn kampanji edukattivi, programmi ta' għarfien u inizjattivi li twettqu fl-iskejjel mill-2010 jew mill-ewwel sena li għaliha hija disponibbli d-data, sal-aktar data reċenti disponibbli?

17/07/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninsab infurmat li mill-2010 sal-aktar data riċenti disponibbli, il-kampanji edukattivi huma, il-programmi ta' għarfien u l-inizjattivi li twettqu fl-iskejjel indirizzaw firxa wiesgħa ta' suġġetti relatati mal-benesseri, is-saħħa, is-sigurtà, iċ-ċittadinanza, l-ambjent, il-litteriżmu diġitali u ħiliet oħra essenzjali, skont il-prijoritajiet edukattivi ta' kull sena.

Seduta Numru 25
20/10/2026

SKEJJEL - KAMPANJI EDUKATTIVI– KOLLABORAZZJONIJIET

1852. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid liema Ministeri, dipartimenti, entitajiet pubbliċi jew organizzazzjonijiet ikkollaboraw fit-twettiq tal-kampanji edukattivi, programmi ta' għarfien u inizjattivi li twettqu fl-iskejjel mill-2010 jew mill-ewwel sena li għaliha hija disponibbli d-data, sal-aktar data reċenti disponibbli?

17/07/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninsab infurmat li l-kampanji edukattivi, il-programmi ta' għarfien u l-inizjattivi li twettqu fl-iskejjel ġew implimentati b'kollaborazzjoni ma' diversi ministeri, dipartimenti, direttorati, entitajiet pubbliċi, istituzzjonijiet edukattivi, organizzazzjonijiet lokali u internazzjonali, kif ukoll ma' skejjel u partijiet interessati oħra, skont in-natura tal-inizjattiva.
Fost oħrajn kien hemm kollaborazzjoni mal-Aġenzija tal-Programmi tal-Unjoni Ewropea (EUPA), il-Malta Digital Innovation Authority (MDIA), Tech.mt, Safer Internet Centre Malta, l-Università ta' Malta, il-European School Education Platform / eTwinning, NGOs u rappreżentanti tal-industrija. Dawn is-sħubijiet appoġġjaw inizjattivi relatati mal-litteriżmu diġitali, is-sigurtà online u l-użu responsabbli tat-teknoloġija fl-edukazzjoni.

Seduta Numru 25
20/10/2026

SKEJJEL - PROGRAMMI RELATATI MAS-SAĦĦA MENTALI

1853. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid jekk jeżistux programmi relatati mas-saħħa mentali fl-iskejjel?

17/07/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninsab infurmat li fl-iskejjel tal-Istat jeżistu diversi programmi, servizzi u inizjattivi mmirati biex jippromwovu s-saħħa mentali, il-benesseri emozzjonali u l-iżvilupp soċjo-emozzjonali tal-istudenti, filwaqt li jrawmu ambjent skolastiku sigur, inklużiv u ta' appoġġ.
Fost dawn hemm is-servizzi ta' counselling, social work u professjonisti psikosoċjali, li jipprovdu appoġġ lill-istudenti u lill-familji tagħhom skont il-ħtiġijiet individwali. Barra minn hekk, permezz tas-suġġett **Personal, Social and Career Development (PSCD)**, l-istudenti jiżviluppaw ħiliet relatati mar-reżiljenza, ir-regolazzjoni tal-emozzjonijiet, ir-relazzjonijiet b'saħħithom, il-ġestjoni tal-istress u l-promozzjoni ta' saħħa mentali pożittiva.
Fuq livell ta' kulleġġi u skejjel, jiġu organizzati wkoll inizjattivi u programmi ta' sensibilizzazzjoni dwar is-saħħa mentali, kif ukoll taħriġ u interventi mmirati għal gruppi differenti ta' etajiet, skont il-ħtiġijiet tal-komunità skolastika.

Infurmat ukoll li d-Direttorat għall-Wellbeing Services jipprovdi firxa ta' servizzi preventivi u ta' intervent bikri, inkluż appoġġ f'każijiet ta' diffikultajiet emozzjonali, ta' mġiba jew ta' relazzjonijiet, kif ukoll interventi relatati mal-bullying u ċ-cyberbullying. Dawn is-servizzi jitwasslu f'kollaborazzjoni mal-edukaturi, il-ġenituri u professjonisti oħra, bil-għan li jissaħħaħ il-benesseri tal-istudenti u tiġi promossa kultura ta' prevenzjoni, rispett u inklużjoni fl-iskejjel.

Seduta Numru 25
20/10/2026

SKEJJEL - KAMPANJI DWAR STILI TA' ĦAJJA B'SAĦĦITHA

1854. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid jekk jeżistux kampanji dwar stili ta' ħajja b'saħħitha fl-iskejjel?

17/07/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninsab infurmat li l-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Isport jippromwovi stili ta' ħajja b'saħħithom fl-iskejjel permezz ta' approċċ komprensiv li jintegra l-kurrikulu, il-politiki nazzjonali, il-programmi edukattivi u l-kollaborazzjoni ma' diversi entitajiet. Din il-ħidma hija implimentata b'mod kontinwu matul is-sena skolastika kollha.
F'dan il-kuntest, id-Direttorati u ċ-Ċentri fi ħdan il-Ministeru jikkoordinaw u jimplimentaw inizjattivi relatati man-nutrizzjoni, il-benesseri, l-attività fiżika u stili ta' ħajja sana, kemm permezz tal-kurrikulu kif ukoll permezz ta' attivitajiet u riżorsi edukattivi. Fl-istess ħin, tingħata importanza lill-iżvilupp professjonali tal-edukaturi u lill-kollaborazzjoni ma' diversi msieħba sabiex dawn il-prinċipji jiġu integrati fil-prattika edukattiva.
Il-Ministeru ser ikompli jsaħħaħ dawn l-isforzi biex jippromwovi l-benesseri u l-iżvilupp ħolistiku tal-istudenti bħala parti integrali mill-esperjenza edukattiva tagħhom.

Seduta Numru 25
20/10/2026

SLEEP APNEA – PERSUNI DIAGNOSED

1866. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm-il persuna ġiet diagnosed bil-kundizzjoni tas-Sleep Apnea matul l-2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll jekk hemmx il-ħsieb li l-maskri għal min ibati b'din il-kundizzjoni jibdew jingħataw permezz tal-POYC?

20/07/2026

ONOR. IAN BORG: Ninsab infurmat li bejn l-1 ta' Jannar u t-30 ta' Settembru 2026, 684 pazjent li dehru fil-Kliniċi Respiratorji ġew iddijanjostikati wara l-istudju tal-irqad tagħhom. Il-Gvern kommess li jkompli jinvesti fil-maskri fejn meħtieġ.

Seduta Numru 25
20/10/2026

TRASPORT PUBBLIKU - TA' QALI – ROTOT NUMRI 403 U 405

2009. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 317, fejn intqal li "matul l-aħħar ħmistax-il ġurnata qabel it-tqegħid ta' din il-mistoqsija, ir-rotta 403 intużat minn total ta' 801 passiġġier, filwaqt li r-rotta 405 intużat minn total ta' 450 passiġġier" u fid-dawl li skont l-iskeda tal-Malta Public Transport, isiru 186 vjaġġ fil-ġimgħa fuq iż-żewġ rotot u allura f'dawk il-15-il-ġurnata taħt eżami kien hemm medja ta' 2.1 passiġġier fuq kull vjaġġ fuq rotta 403 u medja ta' 1.2 passiġġier fuq kull vjaġġ fuq rotta 405, jista' l-Ministru jikkonsidra li l-karozzi ta' dawn ir-rotot jibdew jiġbru wkoll in-nies li jkunu qed jistennew fuq il-bus stops u b'hekk isir użu aħjar mir-riżorsi?

21/07/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi r-rotot 403 u 405 ġew imfassla bħala servizzi express, b'numru limitat ta' waqfiet sabiex il-ħin tal-vjaġġ jinżamm kemm jista' jkun qasir. Madanakollu, is-suġġeriment imressaq ser jiġi evalwat aktar 'il quddiem, fid-dawl tal-użu ta' dawn ir-rotot u tal-ħtiġijiet tal-passiġġieri.

Seduta Numru 25
20/10/2026

HUMANOID ROBOT - DĦUL F'MALTA - POLICY/GUIDELINES EŻISTENTI

2116. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1525 u jgħid jekk Identità, il-Pulizija tal-Immigrazzjoni jew xi awtorità oħra għandhomx policy, linji gwida jew istruzzjonijiet dwar kif għandhom jiġu trattati każijiet fejn humanoid robot, sistema ta' intelliġenza artifiċjali jew entità mhux umana tiġi ppreżentata ma' dokument ta' identifikazzjoni jew vjaġġar? Jekk iva, jista' jqiegħed kopja tagħhom fuq il-Mejda tal-Kamra?

22/07/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-liġijiet li jirregolaw id-dokumenti ta' identifikazzjoni u ta' vjaġġar, fosthom l-Ordinanza dwar il-Passaporti (Kap. 61) u l-Att dwar il-Karti tal-Identità u Dokumenti Oħra ta' Identità (Kap. 258), jirrikonoxxu biss lill-persuni umani. Dawn id-dokumenti jinħarġu biss lil individwi u huma marbuta mal-identità tagħhom, stabbilita mat-twelid u kull dokument jinkorpora fih id-data bijometrika tad-detentur. Dawn jinkludu l-immaġini tal-wiċċ tal-persuna, il-marki tas-swaba' u l-firma.

Ir-robots u s-sistemi ta' intelliġenza artifiċjali jaqgħu taħt leġiżlazzjoni oħra, inkluż ir-Regolament (UE) 2024/1689 dwar l-Intelliġenza Artifiċjali.

Seduta Numru 25
20/10/2026

HUMANOID ROBOT - DĦUL F'MALTA - PARIR LEGALI

2117. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1526 u jgħid jekk intalabx jew inkisibx parir legali minn Identità, mill-Pulizija tal-Immigrazzjoni, mill-Avukat tal-Istat jew minn xi awtorità oħra dwar kif għandu jiġi trattat il-każ tad-dħul f'Malta tal-humanoid robot magħruf bħala "Sophia"? Jekk iva, jista' jgħid meta ntalab dan il-parir u minn min?

22/07/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għall-mistoqsija parlamentari numru 2116.

Seduta Numru 25
20/10/2026

PENSJONIJIET – RAPPORT

2172. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-aħħar rapport dwar il-pensjonijiet?

24/07/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Infakkar lill-Onor. Interpellant li kif diġà kont weġibt għall-mistoqsija parlamentari tagħha stess numru 34518 tal-leġislatura preċedenti, ir-rapport imsemmi tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra fis-16 ta' Diċembru 2025 waqt Seduta Numru 442.

Seduta Numru 25
20/10/2026

PENSJONIJIET – KONTRIBUZZJONIJIET

2173. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jassigura li mhux ser tiżdied sena oħra ta' kontribuzzjonijiet, minflok ma togħla l-età tal-irtirar, bħalma ġara fil-Baġit 2025 fejn il-minimu ta' kontribuzzjonijiet tela' minn 41 sena għal 42 sena?

24/07/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ninforma lill-Onor. Interpellant li, wara li ntemm il-proċess ta' konsultazzjoni pubblika dwar ir-Rapport Strateġiku tal-Pensjonijiet għall-2025, li kien tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra f'Diċembru li għadda, il-Gvern, kif anke hemm imwiegħed fil-Manifest Elettorali, qiegħed jiggarantixxi li mhu se jkun hemm ebda żieda, la fl-età tal-irtirar u lanqas fir-rata tal-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali. Fil-fatt l-istess rapport strateġiku tal-pensjonijiet msemmi, ma jpoġġi l-ebda proposta sabiex in-numru ta' snin ta' kontribuzzjonijiet jiżdied.

Seduta Numru 25
20/10/2026

BENEFIĊĊJI SOĊJALI – XOGĦOL PART-TIME

2174. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsija 35104 tal-Erbatax-il Leġiżlatura u tal-mistoqsija parlamentari 38 ta' din il-leġiżlatura, jista' l-Ministru jgħid hux qed jiġu kkunsidrati miżuri sabiex persuni li ma jistgħux jaħdmu full-time, b'mod partikolari single parents jew persuni bi problemi ta' saħħa mentali li jirċievu benefiċċji soċjali, ikunu jistgħu jaħdmu għal ftit sigħat fil-ġimgħa biex itejbu ftit il-qagħda finanzjarja tagħhom u jkunu jistgħu jagħmlu dan b'mod regolat?

24/07/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ninforma lil Onor. Interpellant li, permezz ta' miżura tal-Baġit għas-sena 2026 ġie introdott il-kunċett ta' Pensjoni għal Invalidità Parzjali b'impenn kontinwu fuq is-saħħa mentali. Dan il-benefiċċju se jagħmel possibbli li persuni jkunu jistgħu ikunu f'impjieg part-time jew iwettqu xi siegħat ta' xogħol waqt li jkomplu jieħdu il-Pensjoni tal-Invalidità parzjali, dejjem fuq ordni ta' speċjalist li jkun qed isegwihom.

Seduta Numru 25
20/10/2026

SHELTERS GĦAL PERSUNI BI PROBLEMA TA' DROGA

2175. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Fid-dawl li x-shelters għall-persuni homeless eżistenti ma jaċċettawx persuni bi problema tad-droga u li shelter ta' emerġenza minnhom iżomm lil dawn il-persuni għal sitt ġimgħat, jista' l-Ministru jgħid xi pjanijiet għandu l-Gvern sabiex ikun hemm shelters għall-persuni homeless bi problemi tad-droga, li mhumiex lesti li jagħmlu programm ta' riabilitazzjoni?

24/07/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li l-Gvern qed jikkunsidra diversi għażliet biex iwieġeb għal din l-isfida. Inżid ukoll li f'xi ħin jew ieħor dawn il-persuni jmissu mas-servizzi tagħna, primarjament id-DETOX jew l-Addictions Community Team (ACT) fi ħdan l-Aġenzija Sedqa , jew servizzi offruti minn NGOs fis-settur u tingħata għajnuna skont il-bżonn.

Seduta Numru 25
20/10/2026

TAPERING BENEFITS – BENEFIĊJARJI

2176. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni li bbenefikaw mit-tapering benefits f'dawn l-aħħar ħames snin, maqsuma sena b'sena? Minn dawk li bbenefikaw, jista' jipprovdi numri u persentaġġi ta' kemm kienu nisa u kemm irġiel?

24/07/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ninforma lil Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba minnha hija kif tidher fit-tabella t'hawn taħt:

UAT	Irġiel		Nisa		Total
2021	246	15.13%	1,380	84.87%	1,626
2022	191	13.44%	1,230	86.56%	1,421
2023	141	11.62%	1,072	88.38%	1,213
2024	120	10.94%	977	89.06%	1,097
2025	98	10.84%	806	89.16%	904
2026*	76	11.00%	615	89.00%	691

*Għas-sena 2026, l-istatistika tkopri sal-pagament ta' Settembru.

Seduta Numru 25
20/10/2026

KAŻIJIET TA' AVVELENAMENT TAL-IKEL

2231. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien hemm każijiet ta' avvelenament tal-ikel matul Ġunju u Lulju 2026?

24/07/2026

ONOR. IAN BORG: Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li matul ix-xahar ta' Ġunju ġew irrappurtati b'kollox 165 każ (125 ikkonfermati u 40 suspettati) ta' mard sporadiku li jittieħed mill-ikel. Barra minn hekk, ġew irrappurtati 6 tifqigħat (jiġifieri żewġ każijiet jew aktar b'rabta epidemjoloġika bejniethom) li nvolvew 24 każ ieħor (19 ikkonfermati u 5 suspettati).

Matul ix-xahar ta' Lulju ġew irrappurtati b'kollox 249 każ (156 ikkonfermati u 93 suspettati) ta' mard sporadiku li jittieħed mill-ikel. Barra minn hekk, ġew irrappurtati 13 -il tifqiegħa (jiġifieri żewġ każijiet jew aktar b'rabta epidemjoloġika bejniethom) li involvew 31 każ ieħor (ilkoll ikkonfermati).

Seduta Numru 25
20/10/2026

SKWADRA TA' KONTRA D-DROGA

2243. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 456, jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm uffiċjali tal-Pulizija stazzjonati fl-Iskwadra ta' Kontra d-Droga f'Malta u f'Għawdex bejn l-2016 u l-2026, maqsuma sena b'sena? Jista' wkoll jindika r-rank tal-uffiċjali stazzjonati f'din l-Iskwadra għal kull waħda minn dawn is-snin, b'taqsima separata għal Malta u għal Għawdex? Jista' jgħid ukoll, għal kull sena msemmija, kemm minn dawn l-uffiċjali kienu assenjati xogħol amministrattiv (fl-uffiċċju) u kemm kienu assenjati xogħol operattiv fuq barra, kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex?

27/07/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Risposta tingħata f'seduta oħra

Seduta Numru 25
20/10/2026

GĦAWDEX – PARK AND RIDE

2244. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx ħsieb li jitwaħħlu tabelli b'informazzjoni ċara u aġġornata dwar il-ħinijiet tas-servizz Park and Ride bejn Ta' Xħajma u t-Terminals tal-Imġarr, kemm fil-Hub Ta' Xħajma kif ukoll fil-punt tat-tluq fl-Imġarr, sabiex il-pubbliku jkun jista' jagħmel użu aktar effiċjenti minn dan is-servizz? Jista' jgħid ukoll x'investiment sar fil-faċilità tal-park and ride Ta' Xħajma sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, inkluż ix-xogħlijiet infrastrutturali li twettqu u l-ispiża totali tagħhom? Jista' jgħid ukoll kemm sewa dan is-servizz sa mill-bidu tiegħu, billi jipprovdi rendikont sena b'sena tal-ispejjeż operattivi, ta' manutenzjoni u ta' kwalunkwe nefqa oħra relatata ma' dan is-servizz?

27/07/2026

ONOR. CLINT CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li informat li fil-jiem li ġejjin ser jitwaħħlu tabelli b'informazzjoni dwar il-ħinijiet tas-servizz fil-hub ta' Ta' Xħajma filwaqt illi rigward nefqa operattiva nirreferik għat-tweġiba parlamentari 3684 tas-sena 2022.

Seduta Numru 25
20/10/2026

GĦAWDEX – PARK AND RIDE

2245. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx ħsieb li jitwaħħlu tabelli b'informazzjoni ċara u aġġornata dwar il-ħinijiet tas-servizz Park and Ride bejn Ta' Xħajma u t-Terminals tal-Imġarr, kemm fil-Hub Ta' Xħajma kif ukoll fil-punt tat-tluq fl-Imġarr, sabiex il-pubbliku jkun jista' jagħmel użu aktar effiċjenti minn dan is-servizz? Jista' jgħid ukoll x'investiment sar fil-faċilità tal-park and ride Ta' Xħajma sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, inkluż ix-xogħlijiet infrastrutturali li twettqu u l-ispiża totali tagħhom? Jista' jgħid ukoll kemm sewa dan is-servizz sa mill-bidu tiegħu, billi jipprovdi rendikont sena b'sena tal-ispejjeż operattivi, ta' manutenzjoni u ta' kwalunkwe nefqa oħra relatata ma' dan is-servizz?

27/07/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din il-mistoqsija għandha tiġi riferuta lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 25
20/10/2026

STUDENTI GĦAWDXIN – LECTURES – SISTEMI TA' VIDEO CONFERENCING

2246. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx pjanijiet sabiex studenti Għawdxin li jattendu l-Università ta' Malta u l-MCAST ikunu jistgħu jsegwu lectures mill-kampus rispettivi tagħhom f'Għawdex permezz ta' sistemi ta' video conferencing, f'dawk il-każijiet fejn, għal raġunijiet validi, ma jkunx possibbli għalihom li jattendu fiżikament Malta? Jista' jgħid ukoll x'investiment sar f'dan il-qasam, kemm f'termini ta' infrastruttura teknoloġika u riżorsi meħtieġa sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, u jekk hemmx pjanijiet għal aktar investiment sabiex jiġi ffaċilitat dan is-servizz għall-istudenti Għawdxin?

27/07/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Infurmat li matul is-sena akkademika li għaddiet, l-MCAST għamel arranġamenti biex jakkomoda lill-istudenti Għawdxin meta, minħabba maltemp qawwi, ma setgħux jivvjaġġaw lejn Malta. Fejn kien possibbli, intużaw pjattaformi diġitali għal tagħlim mill-bogħod, għalkemm lezzjonijiet prattiċi, laboratorji u workshops baqgħu jeħtieġu preżenza fiżika. L-MCAST ser ikompli jsaħħaħ l-infrastruttura teknoloġika u l-appoġġ lill-istudenti Għawdxin, filwaqt li l-Kampus t'Għawdex diġà joffri programmi f'diversi oqsma.
Infurmat li L-Università ta' Malta investiet fir-restawr tal-Kampus t'Għawdex u fi Study Area li tibqa' miftuħa sa filgħaxija. Bl-approvazzjoni tal-lettur u għal raġuni valida, l-istudenti jistgħu jsegwu lezzjonijiet mill-bogħod minn din iż-żona jew mid-dar meta ma jkunux jistgħu jattendu fiżikament.

Seduta Numru 25
20/10/2026

AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – UNITS RESIDENZJALI ĠODDA APPROVATI

2301. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru ta' units residenzjali ġodda approvati mill-Awtorità tal-Ippjanar fil-Mellieħa, San Pawl il-Baħar, l-Imġarr, il-Mosta, in-Naxxar, San Ġwann, Ħal Balzan, Ħ'Attard u l-Imtarfa bejn l-2020 u l-2025, maqsuma sena b'sena u skont:
i. in-numru ta' kmamar tas-sodda (kamra waħda, tnejn, tlieta, erbgħa jew aktar); u
ii. it-tip ta' bini (djar terraced, appartamenti/flats, vilel detached/semi-detached)?

28/07/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tiġi miġbura.

Seduta Numru 25
20/10/2026

AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – DĦUL MINN SKEMI TA' KONTRIBUZZJONI

2302. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-ammonti mħallsa lill-Awtorità tal-Ippjanar taħt il-Commuted Payment Parking Scheme (CPPS), l-Urban Improvement Fund (UIF), l-Urban Development Fund (UDF), jew skemi oħra ta' kontribuzzjoni minflok il-provvista ta' spazji ta' parkeġġ meħtieġa skont il-Parking Standards fil-Mellieħa, San Pawl il-Baħar, l-Imġarr, il-Mosta, in-Naxxar, San Ġwann, Ħal Balzan, Ħ'Attard u l-Imtarfa bejn l-2020 u l-2025, maqsuma sena b'sena u jinkludi:
i. in-numru ta' spazji ta' parkeġġ li skont l-Awtorità, kienu neqsin u li fir-rigward tagħhom saret il-kontribuzzjoni msemmija, għal kull permess approvat u għal kull sena, u f'kull waħda minn dawn il-lokalitajiet; u
ii. it-total ta' fondi mħallsa kull sena (2020-2025), maqsuma skont dawn il-kategoriji tal-iżvilupp:
a. residenzjali;
b. lukandi u stabbilimenti tal-ikel u x-xorb;
c. kummerċjali, inklużi ħwienet u uffiċini;
d. istituzzjonijiet reliġjużi jew soċjali; u
e. industrija?

28/07/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tiġi miġbura.

Seduta Numru 25
20/10/2026

METERS TAL-ILMA U D-DAWL

2303. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm saru installazzjonijiet ta' meters ġodda tal-ilma u tad-dawl fil-Mellieħa, San Pawl il-Baħar, l-Imġarr, il-Mosta, in-Naxxar, San Ġwann, Ħal Balzan, Ħ'Attard u l-Imtarfa bejn l-2020 u l-2025, maqsuma sena b'sena u tinkludi:
i. in-numru totali (eżistenti u attivi) ta' meters sal-31 ta' Diċembru 2019; u
ii. in-numru ta' installazzjonijiet ġodda;
maqsuma skont dawn il-kategoriji:
a. domestiku;
b. residenzjali;
c. kummerċjali; u
d. (jekk disponibbli) industrijali u lukandi?

28/07/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi l-informazzjoni mitluba fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 25
20/10/2026

ELETTRIKU U ILMA – KONSUM NAZZJONALI

2304. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tipprovdi l-perċentwali tal-konsum nazzjonali tal-elettriku u tal-ilma, bejn l-2020 u l-2025, maqsuma sena b'sena, minn dawn il-kategoriji:
i. domestiku;
ii. residenzjali;
iii. kummerċjali;
iv. agrikoltura; u
v. (jekk disponibbli) industrija u ospitalità?

28/07/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi l-informazzjoni mitluba fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 25
20/10/2026

TEATRI – OPRI – BAĠIT ALLOKAT

2317. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 957 u jgħid kemm hu l-baġit allokat għal din is-sena għal kull opra individwali li ttellgħet jew li għadhom se jittellgħu fit-Teatru Manoel u teatri oħrajn f'Malta? Jista' jgħid ukoll kemm hu l-baġit allokat għal din is-sena għal kull opra individwali li saru jew li għadhom iridu jsiru ġewwa t-teatri f'Għawdex?

28/07/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li fit-Teatru Manoel ma jittellgħux biss opri, imma jsiru rappreżentazzjonijiet differenti li jinkludu fost l-oħrajn mużika, drama, żfin, u Toi Toi (programm ta' tagħlim u parteċipazzjoni għat-tfal). Ġejt infurmat li s'issa din is-sena diġà ttellgħu 54 rappreżentazzjoni fit-Teatru Manoel, li għalihom attendew 'il fuq minn 26,500 persuna. Waħda minn dawn ir-rappreżentazzjonijiet kienet l-Opera Falstaff.

Fir-rigward tat-tieni mistoqsija, nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 956.

Seduta Numru 25
20/10/2026

GĦAWDEX – QORTI TAL-PULIZIJA

2318. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 958 u jgħid kemm-il seduta pproċessaw l-uffiċċju tal-Qorti tal-Pulizija f'Għawdex fis-sena 2025 u kemm-il seduta pproċessaw din is-sena sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll kemm hemm pulizija jaħdmu ġewwa l-imsemmi uffiċċju, jekk humiex full-time jew part-time u x'inhu x-xogħol ta' kull pulizija fl-istess uffiċċju?

28/07/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Ninsab infurmat li l-uffiċċju tal-Qorti tal-Pulizija f'Għawdex ipproċessat mija u wieħed u tletin (131) seduta fis-sena 2025 u mitt (100) seduta sa Settembru tas-sena 2026.
Bħalissa hemm seba' uffiċjali li huma kollha full-time, Żewġ uffiċjali huma responsabbli għal preparamenti ta' ċitazzjonijiet u akkużi u dokumenti relatati mas-seduti, waqt li dawn jattendu wkoll għal kull seduta tad-distrett. Żewġ uffiċjali oħra huma responsabbli biex iwasslu ċ-ċitazzjonijiet tas-seduti qabel id-data ta' kull seduta fil-ħin stabbilit mill-liġi, waqt li tnejn oħra jsegwu proċessi ġenerali oħra, li jinkludu d-doveri marbuta mal-aġġornament ta' rekords kriminali, fost l-oħrajn.
Dan apparti d-dmirijiet l-oħra li jwettaq kull wieħed minn dawn l-uffiċjali, lil hinn minn dawk marbuta speċifikament mas-seduti inkwistjoni.

Seduta Numru 25
20/10/2026

IX-XAGĦRA, GĦAWDEX – TRIQ IL-MASRI – PROBLEMI TA' VULTAĠĠ U QTUGĦ TA' DAWL

2433. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid għalfejn l-inħawi ta' Triq il-Masri, fix-Xagħra, Għawdex qed jesperjenzaw problemi ta' vultaġġ u qtugħ ta' dawl? Tista' tgħid ukoll kemm-il rapport sar dwar dan, minn Jannar 2024 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, u x'inhu l-pjan biex din il-problema tissolva?

12/08/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninsab infurmata li Enemalta kkummissjonat low voltage feeder ġdid speċifikament għal din it-triq, kif ukoll għaddejjin preparamenti biex eventwalment tiġi kummissjonata anke substation ġdida biex tkompli tissaħħaħ is-sistema tad-distribuzzjoni fiż-żona.

Seduta Numru 25
20/10/2026

IL-BAĦRIJA – L-INĦAWI TAL-GWIEDI – PROBLEMI TA' VULTAĠĠ U QTUGĦ TA' DAWL

2434. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid għalfejn l-inħawi tal-Gwiedi, il-Baħrija qed jesperjenzaw problemi ta' vultaġġ u qtugħ ta' dawl? Tista' tgħid ukoll kemm-il rapport sar dwar dan, minn Jannar 2024 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, u x'inhu l-pjan biex din il-problema tissolva?

12/08/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninsab infurmata li kwalunkwe issue li seta' kien hemm ġiet indirizzata u solvuta. Fil-preżent, l-Enemalta ma jirriżultalhiex li hemm problemi fil-provvista tal-elettriku fl-inħawi indikati f'din il-mistoqsija.

Seduta Numru 25
20/10/2026

IL-MELLIEĦA – TRIQ DUN FRANĠISK SCIBERRAS – PROBLEMI TA' VULTAĠĠ U QTUGĦ TA' DAWL

2435. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid għalfejn l-inħawi ta' Triq Dun Franġisk Sciberras, il-Mellieħa, qed jesperjenzaw problemi ta' vultaġġ u qtugħ ta' dawl? Tista' tgħid ukoll kemm-il rapport kien hemm dwar dan minn Jannar 2024 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, u x'inhu l-pjan biex din il-problema tissolva?

12/08/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li f'dawn l-aħħar snin, Enemalta wettqet numru ta' interventi biex tkompli ssaħħaħ in-network tal-elettriku f'diversi żoni tal-Mellieħa, inkluż cables ġodda, substations u tisħiħ fis-sistemi ta' vultaġġ medju u baxx. Fir-rigward ta' Triq Dun Franġisk Sciberras, ninsab infurmata li Enemalta diġà ppjanat it-tisħiħ tan-network fejn ser jiġu installati feeders ġodda fuq livell ta' vultaġġ baxx.

Seduta Numru 25
20/10/2026

MFSA – IMPJEGATI FULL-TIME

2436. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm impjegati full-time fi ħdan l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) bħala:
i. Ekonomisti;
ii. Avukati;
iii. Accountants;
iv. IT Professionals; u
v. Inġiniera?

12/08/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba hi skont it-tabella hawn taħt:

IMPJEGAT	NUMRU
Ekonomisti	21
Avukati	53
Accountants	38
IT Professionals	51
Inġiniera	5

Seduta Numru 25
20/10/2026

FIAU – IMPJEGATI FULL-TIME

2437. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm impjegati full-time fi ħdan il-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU) bħala:
i. Ekonomisti;
ii. Avukati;
iii. Accountants;
iv. IT Professionals; u
v. Inġiniera?

12/08/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba hi skont it-tabella hawn taħt:

IMPJEGAT	NUMRU
Ekonomisti	0
Avukati	14
Accountants	10
IT Professionals	12
Inġiniera	0

Seduta Numru 25
20/10/2026

ĦAL QORMI – TRIQ L-IMDINA – PROBLEMI TA' VULTAĠĠ U QTUGĦ TA' DAWL

2438. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid għalfejn l-inħawi ta' Triq l-Imdina, Ħal Qormi, qed jesperjenzaw problemi ta' vultaġġ u qtugħ ta' dawl? Tista' tgħid ukoll kemm-il rapport kien hemm dwar dan minn Jannar 2024 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, u x'inhu l-pjan biex din il-problema tissolva?

13/08/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Enemalta wettqet diversi xogħlijiet ta' tisħiħ tan-network tad-distribuzzjoni tal-elettriku f'Ħal Qormi u fl-inħawi tal-madwar matul l-aħħar snin, u se tkompli tagħmel aktar investimenti biex tkompli ssaħħaħ in-network fil-lokalità. Billi Triq l-Imdina, Ħal Qormi, hija waħda distributorja u twila mhux ħażin tant li hija fornuta minn diversi substations, nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jindika ż-żona konċernata b'mod aktar speċifiku.

Seduta Numru 25
20/10/2026

INĊIDENTI TAT-TRAFFIKU – 2024-2026

2752. L-ONOR. CONRAD BORG MANCHÉ staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Fid-dawl taż-żieda fl-inċidenti tat-traffiku u ta' persuni li korrew matul it-tieni kwart tal-2026, jista' l-Ministru:
i. jidentifika l-25 post fit-toroq bl-ogħla numru ta' inċidenti matul l-2024, l-2025 u l-2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari;
ii. jgħid jekk saritx verifika tas-sigurtà fit-toroq f'kull post;
iii. jiddeskrivi x-xogħlijiet korrettivi li ġew ordnati; u
iv. jipprovdi l-baġit u d-data mistennija għat-tlestija ta' kull intervent?

17/09/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi ir-risposta ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 25
20/10/2026

FAĊILITAJIET FIT-TOROQ TAL-LOKALITAJIET – PROĠETTI

2753. L-ONOR. CONRAD BORG MANCHÉ staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jqiegħed lista fuq il-Mejda tal-Kamra li turi kemm:
i. karreġġjati segregati għar-roti;
ii. rotot protetti għall-persuni li jimxu;
iii. bankini aċċessibbli;
iv. pedestrian crossings siguri; u
v. faċilitajiet għall-ipparkjar tar-roti
tlestew minn Jannar 2024 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari jew li huma ppjanati sal-aħħar ta' Diċembru 2028, maqsuma lokalità b'lokalità? Jista' jgħid ukoll x'inhuma: it-tul, l-ispiża, is-sors tal-finanzjament u d-data mistennija għat-tlestija ta' kull proġett, u jidentifika n-nuqqasijiet li qegħdin iżommu lil dawn ir-rotot milli jiffurmaw networks kontinwi?

17/09/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi ir-risposta ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 25
20/10/2026

TRASPORT MALTA – PERMESSI GĦAL XOGĦLIJIET JEW GĦELUQ TA' TOROQ

2754. L-ONOR. CONRAD BORG MANCHÉ staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm permessi għal xogħlijiet jew għeluq ta' toroq inħarġu minn Transport Malta matul l-2024, l-2025 u l-2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll:
i. kemm kien hemm permessi li qabżu l-perjodu approvat;
ii. kemm ġew identifikati permessi li kienu f'kunflitt jew sovrapposti ma' xogħlijiet oħra;
iii. kemm inħarġu twissijiet, multi jew ordnijiet biex jitwaqqfu x-xogħlijiet; u
iv. meta se tkun kompletament operattiva u aċċessibbli għall-pubbliku, is-sistema integrata u bbażata fuq mappa għall-permessi tat-toroq?

17/09/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi ir-risposta ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 25
20/10/2026

REGOLI TAL-2026 DWAR IS-SERVIZZI Y-PLATE – SEWWIEQA, VETTURI U INFURZAR

2755. L-ONOR. CONRAD BORG MANCHÉ staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid, mid-dħul fis-seħħ tar-regoli tal-2026 dwar is-servizzi Y-plate sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm:
i. hu t-total ta' sewwieqa liċenzjati maqsuma Maltin u barranin;
ii. hu t-total ta' vetturi reġistrati bil-Y-plate, maqsuma skont it-tip ta' vettura u l-kapaċità massima awtorizzata ta' passiġġieri, eskluż is-sewwieq;
iii. hu n-numru ta' vetturi għal kull kapaċità ta' passiġġieri kif indikata fil-liċenzja tal-vettura;
iv. ġew spezzjonati sewwieqa u operaturi;
v. instabu ksur tar-regoli dwar il-ħin massimu tax-xogħol u l-perjodi ta' mistrieħ;
vi. instabu sewwieqa mingħajr liċenzja, mingħajr awtorizzazzjoni jew mhux irreġistrati kif suppost;
vii. ġew sospiżi jew irtirati permessi; u
viii. inħarġu multi?

17/09/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi ir-risposta ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 25
20/10/2026

MALTA IN MOTION – STUDJI U PJAN TA' IMPLIMENTAZZJONI

2756. L-ONOR. CONRAD BORG MANCHÉ staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jipprovdi l-pjan ta' implimentazzjoni għal kull parti tal-programm 'Malta in Motion', inkluż in-network il-ġdid tal-karozzi tal-linja, is-servizzi bil-baħar, l-ivvjaġġar attiv, il-miżuri dwar il-parkeġġ, il-ġestjoni tan-network tat-toroq u s-sistema ta' rapid transit? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-istudji dwar id-domanda, l-għażliet tar-rotot, l-istimi tal-ispejjeż, l-għażliet ta' finanzjament, l-istudji ambjentali u d-dati previsti għad-deċiżjonijiet ewlenin?

17/09/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi ir-risposta ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 25
20/10/2026

TRASPORT PUBBLIKU – KAROZZI TAL-LINJA ELETTRIĊI

2757. L-ONOR. CONRAD BORG MANCHÉ staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid meta kull waħda mill-40 karozza tal-linja elettrika mħabbra f'Mejju 2026 se tasal Malta u tidħol fis-servizz tal-passiġġieri? Jista' jipprovdi l-prezz tax-xiri, is-sors tal-finanzjament, il-kapaċità tal-passiġġieri, ir-rotot ippjanati, l-ispiża tal-infrastruttura tal-iċċarġjar u t-tnaqqis annwali mistenni fil-konsum tal-fjuwil u fl-emissjonijiet?

17/09/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi ir-risposta ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 25
20/10/2026

NAĦĦALA REĠISTRATI

3026. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid kemm hu n-numru totali ta' naħħala reġistrati mal-Ministeru u jaqsam din l-informazzjoni separatament lokalità b'lokalità?

30/09/2026

ONOR. ANTON REFALO: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tabelli segwenti numri 1, 2 u 3.

Tabella 1 - Malta

Lokalità	Numru ta' naħħala rreġistrati
Ħ'Attard	4
Baħrija	8
Bidnija	3
Binġemma	1
Birgu	1
Birżebbuġa	5
Burmarrad	4

Dingli	15
Fgura	1
Għargħur	4
Għaxaq	8
Gudja	1
Ħal Far	1
Iklin	2
Kirkop	1
Ħal Lija	1
Luqa	3
Madliena	4
Magħtab	1
Marsa	1
Wied il-Għajn	7
Marsaxlokk	6
Mellieħa	32
Mġarr	15
Mosta	18
Mtaħleb	3
Mtarfa	1
Naxxar	4
Raħal Ġdid	1
Ħal Qormi	5
Qrendi	2
Rabat	33
Safi	6
San Ġwann	1
Selmun	2
Siġġiewi	30
San Pawl il-Baħar	13
Wardija	2
Żabbar	4
Żebbuġ	12
Żejtun	2
Żurrieq	8

Tabella 2 - Għawdex

Lokalità	Numru ta' naħħala rreġistrati
Għajnsielem	9
Għarb	6
Għasri	3
Kerċem	2
Marsalforn	6
Munxar	1
Nadur	19
Qala	11
San Lawrenz	6
Sannat	1
Rabat	5
Xagħra	11
Xewkija	5
Żebbuġ	6

Tabella 3 - Kemmuna

Lokalità	Numru ta' naħħala rreġistrati
Kemmuna	1

Seduta Numru 25
20/10/2026

AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – SAN PAWL IL-BAĦAR – APPLIKAZZJONIJIET PENDENTI GĦALL-IŻVILUPP

3027. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm hu n-numru ta' applikazzjonijiet pendenti quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar għal żvilupp fil-lokalità ta' San Pawl il-Baħar? Jista' jgħid ukoll kif inhuma maqsuma dawn l-applikazzjonijiet skont it-tip ta' żvilupp li qed jiġi propost?

30/09/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li b'referenza għall-mistoqsija parlamentari numru 3027, qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella li turi l-238 applikazzjoni pendenti quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar fil-lokalità ta' San Pawl il-Baħar, skont dak rikjest.

Seduta Numru 25
20/10/2026

PERSUNI B'DIŻABILITÀ – PERMESSI GĦAL PARKEĠĠI RISERVATI

3028. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm inħarġu permessi għal parkeġġ riservat għal persuni b'diżabilità fis-sena 2026 u jaqsam din l-informazzjoni xahar b'xahar?

30/09/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill Onor. Interpellant li qed ngħaddi l-informazzjoni mitluba dwar permessi maħruġa għal parkeġġi riservati għall persuni b'diżabilità xahar b'xahar mill-1 ta' Jannar sa l-20 t'Ottubru 2026.

MISTOQSIJA PARLAMENTARI 3028 Persuni B'Diżabilità - Permessi Għal Parkeġġi Riservati		
Minn Jannar 2026 sa Ottubru 2026		
	Personalizzati	**Komuni**
Jannar	51	15
Frar	38	15
Marzu	37	7
April	32	14
Mejju	59	24
Ġunju	43	0
Lulju	37	0
Awwissu	45	6
Settembru	15	12
Ottubru	18	0
Total	**375**	**93**

Seduta Numru 25
20/10/2026

PERSUNI B'DIŻABILITÀ – PERMESSI GĦAL PARKEĠĠI RISERVATI

3029. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm inħarġu permessi għal parkeġġ riservat għal persuni b'diżabilità fis-sena 2025 u jaqsam din l-informazzjoni xahar b'xahar?

30/09/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li tajt għall-mistoqsija parlamentari Numru 1467 f'Seduta 15.

Seduta Numru 25
20/10/2026

MINISTERU GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IL-BENESSERI U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM ELETTORALI – DISASTER RECOVERY PLAN/BUSINESS CONTINUITY PLAN

3076. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid kemm dipartimenti u entitajiet pubbliċi li jaqgħu taħtu għandhom Disaster Recovery Plan jew Business Continuity Plan formali li jkopru terremoti jew diżastri naturali kbar, u għal kull wieħed jgħid meta ġie aġġornat u meta ġie ttestjat l-aħħar?

01/10/2026

ONOR. OMAR FARRUGIA: Nirreferi lil-Onor. Interpellant għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 3037.

Seduta Numru 25
20/10/2026

MINISTERU GĦALL-UGWALJANZA U D-DRITTIJIET ĊIVILI – DISASTER RECOVERY PLAN/BUSINESS CONTINUITY PLAN

3077. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili: Tista' l-Ministru tgħid kemm dipartimenti u entitajiet pubbliċi li jaqgħu taħtha għandhom Disaster Recovery Plan jew Business Continuity Plan formali li jkopru terremoti jew diżastri naturali kbar, u għal kull wieħed jgħid meta ġie aġġornat u meta ġie ttestjat l-aħħar?

01/10/2026

ONOR. ROSIANNE CUTAJAR: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari Nru 3037.

Seduta Numru 25
20/10/2026

AWTORITÀ TAL-IPPJANAR - APPLIKAZZJONIJIET APPROVATI - FONDI

3146. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1795 u jgħid x'inhu l-ammont ta' fondi miġbura mill-Awtorità tal-Ippjanar mill-applikazzjonijiet li ġew approvati fil-passat? Jista' jgħid ukoll kemm huma l-fondi għal kull lokalità f'Malta u f'Għawdex u kemm kienu f'Diċembru 2024 u f'Diċembru 2025? Jista' jieħu l-passi neċessarji biex jinbidlu l-kriterji li fuqhom il-kunsilli lokali jistgħu jaċċessaw dawn il-fondi biex bihom ikunu jistgħu jwettqu bosta xogħlijiet li sal-lum mhux permess li jwettqu skont il-kriterji ta' użu ta' dawn il-fondi?

06/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 25
20/10/2026

IN-NAXXAR - SPLUŻJONI TAL-KAMRA TAN-NAR - RAPPORTI TA' ĦSARAT

3234. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1179, jista' l-Ministru jgħid f'liema lokalitajiet kien hemm binjiet li ġarrbu xi tip ta' ħsarat – inkluż fi twieqi u bibien - b'riżultat tal-isplużjoni tal-kamra tan-nar fil-limiti tan-Naxxar li seħħet iktar kmieni din is-sena? Jista' jgħid ukoll jekk dawk li ġarrbu ħsarat humiex ser jingħataw xi tip ta' kumpens mill-Gvern, u jekk iva, x'tip ta' kumpens ser jingħata u meta?

07/10/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Ninsab infurmat illi l-Pulizija kellha diversi rapporti minn bnadi fil-limiti tan-Naxxar.

Billi dwar dan il-każ hemm pendenti inkjesta maġisterjali ikun għaqli li għalissa nkunu kawti fir-rapporti tagħna.

Seduta Numru 25
20/10/2026

ALLIED HEALTH PROFESSIONALS – APPLIKAZZJONIJIET GĦAL UNPAID LEAVE

3286. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm Allied Health Professionals li applikaw għal unpaid leave, maqsuma professjoni professjoni, fis-snin 2024, 2025 u 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

07/10/2026

ONOR. IAN BORG: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 25
20/10/2026

ALLIED HEALTH PROFESSIONALS – APPLIKAZZJONIJIET GĦAL CAREER BREAK

3287. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm Allied Health Professionals li applikaw għal career break, maqsuma professjoni professjoni, fis-snin 2024, 2025 u 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

07/10/2026

ONOR. IAN BORG: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 25
20/10/2026

ALLIED HEALTH PROFESSIONALS – APPLIKAZZJONIJIET GĦAL TELEWORK

3288. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm Allied Health Professionals li applikaw għal sigħat ta' telework, maqsuma professjoni professjoni, fis-snin 2024, 2025 u 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

07/10/2026

ONOR. IAN BORG: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 25
20/10/2026

ALLIED HEALTH PROFESSIONALS LI RRITORNAW MILL-UNPAID LEAVE

3289. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm daħlu lura Allied Health Professionals li kienu fuq unpaid leave f'dawn l-aħħar ħames snin, maqsuma professjoni professjoni?

07/10/2026

ONOR. IAN BORG: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 25
20/10/2026

ALLIED HEALTH – PROFESSJONISTI

3290. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm huwa l-headcount tal-professjonisti tal-allied health, maqsuma skont il-professjoni, u kemm huwa l-full-time equivalent għal kull professjoni?

07/10/2026

ONOR. IAN BORG: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 25
20/10/2026

ALLIED HEALTH – UNIFORMIJIET

3291. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm ħaddiema tal-allied health li għadhom ma rċevewx uniformi matul l-2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, u kemm hemm ħaddiema li rċevew parti mill-uniformi biss?

07/10/2026

ONOR. IAN BORG: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ħaddiema kollha rċevew l-uniformi tagħhom, bl-eċċezzjoni ta' erba' (4) ħaddiema li jeħtieġu uniformi magħmula apposta fuq il-qies tagħhom.

Seduta Numru 25
20/10/2026

SKEJJEL TAL-ISTAT – LSES – POSTIJIET VAKANTI

3326. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm LSEs neqsin jew postijiet vakanti fl-iskejjel tal-Istat sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

08/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-għan tal-Ministeru hu li jkun ta' appoġġ lill-istudenti u huwa għalhekk li l-proċess ta' reklutaġġ għall-LSEs u s-SLSEs jibqa' attiv u għaddej b'mod kontinwu.
L-Edukaturi ta' Appoġġ fit-Tagħlim (LSEs) kollha li għaddew mill-proċess tal-għażla ġew impjegati għal din is-sena skolastika. Fil-fatt il-popolazzjoni ta' LSEs u SLSEs llum qed tħallaq it-total ta' 3,109. Barra minn hekk fis-snin riċenti, il-kundizzjonijiet ta' min jokkupa dawn ir-rwoli tjiebu wkoll.
Il-Ministeru jaċċetta applikazzjonijiet fuq bażi kontinwa, u jikkuntattja lill-kandidati li japplikaw għal intervista malajr kemm jista' jkun. L-intervisti jsiru matul is-sena kollha biex il-ħtiġijiet jiġu indirizzati fil-pront, u l-istudenti jirċievu l-appoġġ meħtieġ mingħajr dewmien żejjed.

Seduta Numru 25
20/10/2026

SKEJJEL TAL-ISTAT – GĦALLIEMA – POSTIJIET VAKANTI

3327. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm għalliema neqsin jew postijiet vakanti għall-għalliema fl-iskejjel tal-Istat sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

08/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li fis-settur Primarju m'hemm ebda klassi mingħajr għalliem. Dan għaliex il-postijiet vakanti, li sal-lum huma 9, huma kollha marbuta ma' servizzi peripatetiċi. Dawn l-edukaturi ma għandhomx klassi permanenti tagħhom, iżda jżuru diversi skejjel matul il-ġimgħa. In-numru ta' postijiet vakanti jinbidel kontinwament matul is-sena skolastika, skont il-ħtiġijiet tal-iskejjel, u l-Ministeru qed ikompli bil-proċessi ta' reklutaġġ biex dawn il-postijiet jimtlew mill-aktar fis possibbli.

Seduta Numru 25
20/10/2026

SKEJJEL TAL-ISTAT – SKRIVANI – POSTIJIET VAKANTI

3328. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm skrivani neqsin jew postijiet vakanti fl-iskejjel tal-Istat sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

08/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Infurmat li sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari hemm wieħed u għoxrin (21) postijiet għal-skrivani fl-iskejjel tal-Istat li ħerġin is-sejħiet għalihom.

Seduta Numru 25
20/10/2026

SKEJJEL TAL-ISTAT – DEPUTY HEADS OF SCHOOL – POSTIJIET VAKANTI

3329. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm Deputy Heads of Schools neqsin jew postijiet vakanti fl-iskejjel tal-Istat sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

08/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Infurmat li sal-ġurnata li fiha ġiet imwieġba din il-mistoqsija parlamentari kien hemm għoxrin (20) post għal Deputati Kapijiet tal-Iskejjel li l-proċess ta' ingaġġat huwa għaddej u ġie mtawwal minħabba proċess tal-appell.

Seduta Numru 25
20/10/2026

IT-TIM NAZZJONALI TAL-WATERPOLO – INVESTIGAZZJONIJIET – KOMUNIKAZZJONIJIET MAL-MIDJA

3480. L-ONOR. GRAHAM BENCINI staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Ministeru tiegħu, SportMalta jew xi entità oħra taħt ir-responsabbiltà tiegħu għamlux xi komunikazzjoni mal-midja dwar l-investigazzjonijiet relatati mat-tim nazzjonali tal-waterpolo qabel ma din l-informazzjoni saret pubblika? Jekk iva, jista' jispeċifika d-dati, l-entitajiet involuti u n-natura ta' dawn il-komunikazzjonijiet?

13/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għar-risposta ta' mistoqsija parlamentari numru 3475.

Seduta Numru 25
20/10/2026

ATLETI, KOWĊIS U UFFIĊJALI SPORTIVI MALTIN – MIŻURI TA' PROTEZZJONI

3481. L-ONOR. GRAHAM BENCINI staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid x'miżuri beħsiebu jieħu sabiex jiżgura li l-atleti, il-kowċis u l-uffiċjali sportivi Maltin ikunu protetti minn kull forma ta' indħil politiku, pressjoni indebita jew żvelar mhux awtorizzat ta' informazzjoni, u sabiex każijiet simili jiġu investigati b'mod indipendenti u trasparenti?

13/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għar-risposta ta' mistoqsija parlamentari numru 3475.

Seduta Numru 25
20/10/2026

SPORTMALTA U AIMS – ONORARJA TAL-BORDIJIET

3482. L-ONOR. GRAHAM BENCINI staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienet l-Onorarja taċ-Chairman, Viċi Chairman u l-membri tal-Bordijiet ta' SportMalta u tal-Awtorità dwar l-Integrità fl-Isport Malti (AIMS) fis-snin 2023, 2024, 2025 u kemm hi attwali fis-sena 2026?

13/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Infurmat li l-membri kollha tal-bordijiet jiġu remunerati skont il-Manwal tal-kategorizzazzjoni, klassifikazzjoni u rumenerazzjoni ta' bordijiet u kumitati maħtura mill-Gvern. Kopja tal-manwal diġà tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 25
20/10/2026

AIMS – RAPPORTI AMMINISTRATTIVI U FINANZJARJI ANNWALI

3483. L-ONOR. GRAHAM BENCINI staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tar-rapporti amministrattivi u finanzjarji annwali tal-Awtorità dwar l-Integrità fl-Isport Malti (AIMS) għas-snin 2023, 2024 u 2025?

13/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Infurmat li r-rapporti se jkunu ppubblikati wara li jitlestew il-proċessi interni.

Seduta Numru 25
20/10/2026

EUROPEAN WEEK OF SPORT 2026 – SERVIZZI

3484. L-ONOR. GRAHAM BENCINI staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jelenka l-lista ta' kuntratturi li taw is-servizzi tagħhom waqt il-European Week of Sport 2026? Jista' jgħid x'tip ta' servizzi taw u kemm tħallsu, inkluż il-kantanti u l-mużiċisti li ħadu sehem?

13/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Il-Ġimgħa Ewropea tal-Isport hija inizjattiva tal-Unjoni Ewropea biex tressaq nies ta' kull età u ħila lejn l-isport u l-attività fiżika. Aktar minn 64 organizzazzjoni sportiva, 30 kunsill lokali, diversi postijiet tax-xogħol u 46 skola ħadu sehem f'total ta' aktar minn 150 attività, kollha ffinanzjati minn €54,769.55 (excl. VAT) f'fondi Ewropej.

Seduta Numru 25
20/10/2026

AIMS – RIFUŻJONIJIET TA' ALLOWANCES IMĦALLSA LILL-KAPIJIET EŻEKUTTIVI – LAQGĦAT TAL-BORD

3485. L-ONOR. GRAHAM BENCINI staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-minuti tal-laqgħat tal-Bord tad-Diretturi tal-Awtorità dwar l-Integrità fl-Isport Malti (AIMS) li fihom ġew diskussi u deċiżi r-rifużjonijiet ta' allowances imħallsa lill-Kapijiet Eżekuttivi li okkupaw din il-kariga bejn Jannar 2022 u l-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

13/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Infurmat li ma saru l-ebda tali rifużjonijiet ta' allowances lill-Kapijiet Eżekuttivi.

Seduta Numru 25
20/10/2026

KONTINĠENT MALTI F'NEW YORK – SETTEMBRU 2026

3496. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 2968 u 3302 u jgħid f'kemm persuni kien jikkonsisti l-kontinġent Malti li attenda għall-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u/jew laqgħat oħra fi New York f'Settembru 2026? Jista' jipprovdi lista tal-persuni kollha li ffurmaw parti minn dan il-kontinġent, filwaqt li jindika l-kariga, ir-rwol u l-ministeru jew l-entità li kull persuna kienet qed tirrappreżenta jew li ġew ingaġġati minnha? Jista' jgħid ukoll kemm kienet l-ispiża totali ta' din iż-żjara, kemm dik imħallsa kif ukoll dik li għadha dovuta, b'rendikont separat tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar, l-akkomodazzjoni, it-trasport u spejjeż oħra?

14/10/2026

ONOR. ROBERT ABELA: It-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta Numru 25
20/10/2026

KONTINĠENT MALTI F'NEW YORK – SETTEMBRU 2026

3497. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 2969 u 3303 u jgħid f'kemm persuni kien jikkonsisti l-kontinġent Malti li attenda għall-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u/jew laqgħat oħra fi New York f'Settembru 2026? Jista' jipprovdi lista tal-persuni kollha li ffurmaw parti minn dan il-kontinġent, filwaqt li jindika l-kariga, ir-rwol u l-ministeru jew l-entità li kull persuna kienet qed tirrappreżenta jew li ġew ingaġġati minnha? Jista' jgħid ukoll kemm kienet l-ispiża totali ta' din iż-żjara, kemm dik imħallsa kif ukoll dik li għadha dovuta, b'rendikont separat tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar, l-akkomodazzjoni, it-trasport u spejjeż oħra?

14/10/2026

ONOR. CHRIS FEARNE:
Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni għadha qed tinġabar

Seduta Numru 25
20/10/2026

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU – KONTINĠENT GĦALL-LAQGĦAT F'NEW YORK

3498. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 2970 u 3304 u jgħid f'kemm persuni kien jikkonsisti l-kontinġent li akkumpanjah jew li ntbagħat mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru għall-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u/jew laqgħat oħra fi New York f'Settembru 2026? Jista' jipprovdi lista tal-persuni kollha li ffurmaw parti minn dan il-kontinġent, filwaqt li jindika l-kariga u r-rwol ta' kull persuna? Jista' jgħid ukoll kemm kienet l-ispiża totali relatata ma' dan il-kontinġent, kemm dik imħallsa kif ukoll dik li għadha dovuta, b'rendikont separat tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar, l-akkomodazzjoni, it-trasport u spejjeż oħra?

14/10/2026

ONOR. ROBERT ABELA: It-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta Numru 25
20/10/2026

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ – KONTINĠENT GĦALL-LAQGĦAT F'NEW YORK

3499. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 2971 u 3305 u jgħid kemm kien jikkonsisti f'persuni l-kontinġent li akkumpanjah jew li ntbagħat mill-Ministeru tiegħu għall-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u/jew laqgħat oħra fi New York f'Settembru 2026? Jista' jipprovdi lista tal-persuni kollha li ffurmaw parti minn dan il-kontinġent, filwaqt li jindika l-kariga u r-rwol ta' kull persuna? Jista' jgħid ukoll kemm kienet l-ispiża totali relatata ma' dan il-kontinġent, kemm dik imħallsa kif ukoll dik li għadha dovuta, b'rendikont separat tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar, l-akkomodazzjoni, it-trasport u spejjeż oħra?

14/10/2026

ONOR. CHRIS FEARNE:
Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni għadha qed tinġabar

Seduta Numru 25
20/10/2026

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA – KONTINĠENT GĦALL-LAQGĦAT F'NEW YORK

3500. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 2972 u 3306 u jgħid kemm kien jikkonsisti f'persuni l-kontinġent li akkumpanjah jew li ntbagħat mill-Ministeru tiegħu għall-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u/jew laqgħat oħra fi New York f'Settembru 2026? Jista' jipprovdi lista tal-persuni kollha li ffurmaw parti minn dan il-kontinġent, filwaqt li jindika l-kariga u r-rwol ta' kull persuna? Jista' jgħid ukoll kemm kienet l-ispiża totali relatata ma' dan il-kontinġent, kemm dik imħallsa kif ukoll dik li għadha dovuta, b'rendikont separat tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar, l-akkomodazzjoni, it-trasport u spejjeż oħra?

14/10/2026

ONOR. IAN BORG: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 25
20/10/2026

MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IT-TEKNOLOĠIJA U PROĠETTI STRATEĠIĊI – KONTINĠENT GĦALL-LAQGĦAT F'NEW YORK

3501. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 2973 u 3307 u jgħid kemm kien jikkonsisti f'persuni l-kontinġent li akkumpanjah jew li ntbagħat mill-Ministeru tiegħu għall-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u/jew laqgħat oħra fi New York f'Settembru 2026? Jista' jipprovdi lista tal-persuni kollha li ffurmaw parti minn dan il-kontinġent, filwaqt li jindika l-kariga u r-rwol ta' kull persuna? Jista' jgħid ukoll kemm kienet l-ispiża totali relatata ma' dan il-kontinġent, kemm dik imħallsa kif ukoll dik li għadha dovuta, b'rendikont separat tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar, l-akkomodazzjoni, it-trasport u spejjeż oħra?

14/10/2026

ONOR. SILVIO SCHEMBRI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta Numru 25
20/10/2026

IS-SIĠĠIEWI – TRIQ BLAT IL-QAMAR – XOGĦLIJIET

3509. L-ONOR. JULIAN BORG staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 988 fejn intqal li "x-xogħlijiet fi Triq Blat il-Qamar, is-Siġġiewi, huma maħsuba li jibdew hekk kif jitlesta ix-xogħol kollu ta' twessiegħ fi Triq Bur il-Kbir u t-triq tkun aċċessibbli fuq żewġ karreġġjati" u fid-dawl li Infrastructure Malta ħabbret li Triq Bur il-Kbir ser tkun miftuħa fil-ġranet li ġejjin, jista' l-Ministru jagħti data meta ser jibda ix-xogħol fi Triq Blat il-Qamar, liema xogħol kien diġà skedat u l-kuntrattur ġie magħżul?

14/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 25
20/10/2026

IS-SIĠĠIEWI – PROĠETT TA' GĦAR LAPSI

3510. L-ONOR. JULIAN BORG staqsa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 828 dwar il-proġett ta' Għar Lapsi wara l-maltempata Harry, tista' l-Ministru tgħid jekk it-tieni fażi ta' dan il-proġett, li beda f'nofs Lulju u li kellu jieħu 34 ġimgħa, għadux 'on track' li jitlesta fiż-żmien mogħti?

14/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tieni fażi tal-proġett ta' Għar Lapsi tinsab għaddejja skont il-pjan u x-xogħlijiet mistennija jitlestew fiż-żmien previst.

Seduta Numru 25
20/10/2026

IS-SIĠĠIEWI – PROĠETT TA' GĦAR LAPSI

3511. L-ONOR. JULIAN BORG staqsa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 828 dwar il-proġett ta' Għar Lapsi wara l-maltempata Harry, tista' l-Ministru tagħti aġġornament fuq it-tielet fażi ta' dan il-proġett?

14/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li għat-tielet fażi tax-xogħlijiet f'Għar Lapsi li tinvolvi l-interventi meħtieġa fuq il-blat perikoluż, ġew konklużi l-istudji ġeotekniċi u tħejjew proposti għall-interventi meħtieġa. Id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi qed jiffinalizza l-method statements u l-bill of quantities meħtieġa sabiex ikun jista' jqabbad kuntrattur speċjalizzat biex iwettaq dawn ix-xogħlijiet.

Seduta Numru 25
20/10/2026

KAPPELLA TAS-SALIB TAL-GĦOLJA – XOGĦLIJIET

3512. L-ONOR. JULIAN BORG staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid meta ser jitlestew ix-xogħlijiet ta' restawr u restawr strutturali fil-Kappella tas-Salib tal-Għolja, biex iż-żona terġa' tkun aċċessibbli għall-pubbliku?

14/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proġett ta' restawr tal-Knisja tal-Lunzjata, fiż-żona magħrufa bħala tas-Salib tal-Għolja, issa daħal fl-aħħar fażi tiegħu.

Seduta Numru 25
20/10/2026

CARRYING CAPACITY

3513. L-ONOR. JULIAN BORG staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2010, jista' l-Ministru jgħid kemm hi l-popolazzjoni massima f'pajjiżna (f'termini numeriċi) li l-infrastruttura ta' Malta tista' ssostni u jiġi ppreżentat l-istudju li wassal għal din il-kapaċità?

14/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għall-mistoqsija parlamentari numru 2010.

Seduta Numru 25
20/10/2026

ĦAL QORMI – TRIQ IL-BELT VALLETTA – XOGĦLIJIET

3514. L-ONOR. JULIAN BORG staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid meta ser isiru x-xogħlijiet infrastrutturali fi Triq il-Belt Valletta, Ħal Qormi, liema xogħlijiet kienu diġà ppjanati li jsiru fix-xhur li għaddew?

14/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi reġgħu bdew id-diskussjonijiet relatati ma' dawn ix-xogħlijiet flimkien mal-Kunsill Lokali u l-entitajiet ikkonċernati, sabiex tiġi stabbilita data eżatta ta' meta ser jibdew dawn ix-xogħlijiet, inkluż xogħlijiet tal-Enemalta, fl-ewwel kwart tas-sena 2027.

Seduta Numru 25
20/10/2026

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA – INFIQ FUQ REKLAMAR

3527. L-ONOR. EVE BORG BONELLO staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jagħti rendikont tal-infiq fuq reklamar, marketing u relazzjonijiet pubbliċi mill-Ministeru tiegħu u minn kull dipartiment, aġenzija, awtorità u entità taħt ir-responsabbiltà tiegħu, separatament għas-sena 2025 u għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' wkoll jipprovdi l-informazzjoni f'tabella li tindika, għal kull nefqa, l-entità li għamlitha, l-isem tal-fornitur, il-kampanja jew is-servizz, it-tip ta' mezz użat, id-data jew il-perjodu tas-servizz, il-metodu ta' akkwist u l-ammont, filwaqt li jispeċifika jekk dan jinkludix il-VAT?

14/10/2026

ONOR. IAN BORG: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru għas-Saħħa, flimkien mad-dipartimenti, l-aġenziji, l-awtoritajiet u l-entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, għandu r-responsabbiltà u l-obbligu li jżomm lill-pubbliku infurmat dwar is-servizzi, il-proġetti u l-inizjattivi tal-Gvern, sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jagħmlu l-aħjar użu minnhom.
Għal dan il-għan, fl-Estimi Finanzjarji tal-Gvern hemm provvediment taħt il-Vot 29, Information Services, li jinkludi allokazzjoni għall-pubblikazzjoni ta' avviżi, kampanji ta' informazzjoni u edukazzjoni, u materjal ieħor ta' komunikazzjoni permezz ta' diversi mezzi. Dawn l-estimi huma diġà ppreżentati fuq il-Mejda tal-Kamra.
Fir-rigward tar-rendikont dettaljat mitlub, għandu jiġi ċċarat li l-ġbir, il-verifika u l-konsolidazzjoni tal-informazzjoni għal kull nefqa, minn kull dipartiment, aġenzija, awtorità u entità, skont il-kategoriji u l-perjodi indikati fl-interpellanza, jirrikjedu eżerċizzju amministrattiv estensiv u l-użu ta' riżorsi sostanzjali. Dan l-eżerċizzju jkun jinvolvi ħin u riżorsi li għandhom jiġu bbilanċjati mal-ħtieġa li l-amministrazzjoni tkompli twettaq il-funzjonijiet u s-servizzi tagħha b'mod effiċjenti għall-benefiċċju taċ-ċittadini.

Seduta Numru 25
20/10/2026

MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI U L-ARTIJIET – INFIQ FUQ REKLAMAR

3528. L-ONOR. EVE BORG BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jagħti rendikont tal-infiq fuq reklamar, marketing u relazzjonijiet pubbliċi mill-Ministeru tiegħu u minn kull dipartiment, aġenzija, awtorità u entità taħt ir-responsabbiltà tiegħu, separatament għas-sena 2025 u għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' wkoll jipprovdi l-informazzjoni f'tabella li tindika, għal kull nefqa, l-entità li għamlitha, l-isem tal-fornitur, il-kampanja jew is-servizz, it-tip ta' mezz użat, id-data jew il-perjodu tas-servizz, il-metodu ta' akkwist u l-ammont, filwaqt li jispeċifika jekk dan jinkludix il-VAT?

14/10/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet flimkien mad-dipartimenti, l-aġenziji, l-awtoritajiet u l-entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, għandu r-responsabbiltà u l-obbligu li jżomm lill-pubbliku infurmat dwar is-servizzi, il-proġetti u l-inizjattivi tal-Gvern, sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jagħmlu l-aħjar użu minnhom.
Għal dan il-għan, fl-Estimi Finanzjarji tal-Gvern hemm provvediment taħt il-Vot 29, Information Services, li jinkludi allokazzjoni għall-pubblikazzjoni ta' avviżi, kampanji ta' informazzjoni u edukazzjoni, u materjal ieħor ta' komunikazzjoni permezz ta' diversi mezzi. Dawn l-estimi huma diġà ppreżentati fuq il-Mejda tal-Kamra.
Fir-rigward tar-rendikont dettaljat mitlub, għandu jiġi ċċarat li l-ġbir, il-verifika u l-konsolidazzjoni tal-informazzjoni għal kull nefqa, minn kull dipartiment, aġenzija, awtorità u entità, skont il-kategoriji u l-perjodi indikati fl-interpellanza, jirrikjedu eżerċizzju amministrattiv estensiv u l-użu ta' riżorsi sostanzjali. Dan l-eżerċizzju jkun jinvolvi ħin u riżorsi li għandhom jiġu bbilanċjati mal-ħtieġa li l-amministrazzjoni tkompli twettaq il-funzjonijiet u s-servizzi tagħha b'mod effiċjenti għall-benefiċċju taċ-ċittadini.

Seduta Numru 25
20/10/2026

MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U L-FAMILJA – INFIQ FUQ REKLAMAR

3529. L-ONOR. EVE BORG BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jagħti rendikont tal-infiq fuq reklamar, marketing u relazzjonijiet pubbliċi mill-Ministeru tiegħu u minn kull dipartiment, aġenzija, awtorità u entità taħt ir-responsabbiltà tiegħu, separatament għas-sena 2025 u għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' wkoll jipprovdi l-informazzjoni f'tabella li tindika, għal kull nefqa, l-entità li għamlitha, l-isem tal-fornitur, il-kampanja jew is-servizz, it-tip ta' mezz użat, id-data jew il-perjodu tas-servizz, il-metodu ta' akkwist u l-ammont, filwaqt li jispeċifika jekk dan jinkludix il-VAT?

14/10/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ninforma lill-Onor. Interpellant, li l-Ministeru għall- Politika Soċjali u l-Familja flimkien mad-dipartimenti, l-aġenziji, l-awtoritajiet u l-entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, għandu r-responsabbiltà u l-obbligu li jżomm lill-pubbliku infurmat dwar is-servizzi, il-proġetti u l-inizjattivi tal-Gvern, sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jagħmlu l-aħjar użu minnhom.
Għal dan il-għan, fl-Estimi Finanzjarji tal-Gvern hemm provvediment taħt il-Vot 29, Information Services, li jinkludi allokazzjoni għall-pubblikazzjoni ta' avviżi, kampanji ta' informazzjoni u edukazzjoni, u materjal ieħor ta' komunikazzjoni permezz ta' diversi mezzi. Dawn l-estimi huma diġà ppreżentati fuq il-Mejda tal-Kamra.

Fir-rigward tar-rendikont dettaljat mitlub, għandu jiġi ċċarat li l-ġbir, il-verifika u l-konsolidazzjoni tal-informazzjoni għal kull nefqa, minn kull dipartiment, aġenzija, awtorità u entità, skont il-kategoriji u l-perjodi indikati fl-interpellanza, jirrikjedu eżerċizzju amministrattiv estensiv u l-użu ta' riżorsi sostanzjali. Dan l-eżerċizzju jkun jinvolvi ħin u riżorsi li għandhom jiġu bbilanċjati mal-ħtieġa li l-amministrazzjoni tkompli twettaq il-funzjonijiet u s-servizzi tagħha b'mod effiċjenti għall-benefiċċju taċ-ċittadini.

Seduta Numru 25
20/10/2026

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U L-PROVVISTA TAL-IKEL – INFIQ FUQ REKLAMAR

3530. L-ONOR. EVE BORG BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jagħti rendikont tal-infiq fuq reklamar, marketing u relazzjonijiet pubbliċi mill-Ministeru tiegħu u minn kull dipartiment, aġenzija, awtorità u entità taħt ir-responsabbiltà tiegħu, separatament għas-sena 2025 u għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' wkoll jipprovdi l-informazzjoni f'tabella li tindika, għal kull nefqa, l-entità li għamlitha, l-isem tal-fornitur, il-kampanja jew is-servizz, it-tip ta' mezz użat, id-data jew il-perjodu tas-servizz, il-metodu ta' akkwist u l-ammont, filwaqt li jispeċifika jekk dan jinkludix il-VAT?

14/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel, flimkien mad-dipartimenti, l-aġenziji, l-awtoritajiet u l-entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, għandu r-responsabbiltà u l-obbligu li jżomm lill-pubbliku infurmat dwar is-servizzi, il-proġetti u l-inizjattivi tal-Gvern, sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jagħmlu l-aħjar użu minnhom.
Għal dan il-għan, fl-Estimi Finanzjarji tal-Gvern hemm provvediment taħt il-Vot 29, Information Services, li jinkludi allokazzjoni għall-pubblikazzjoni ta' avviżi, kampanji ta' informazzjoni u edukazzjoni, u materjal ieħor ta' komunikazzjoni permezz ta' diversi mezzi. Dawn l-estimi huma diġà ppreżentati fuq il-Mejda tal-Kamra.
Fir-rigward tar-rendikont dettaljat mitlub, għandu jiġi ċċarat li l-ġbir, il-verifika u l-konsolidazzjoni tal-informazzjoni għal kull nefqa, minn kull dipartiment, aġenzija, awtorità u entità, skont il-kategoriji u l-perjodi indikati fl-interpellanza, jirrikjedu eżerċizzju amministrattiv estensiv u l-użu ta' riżorsi sostanzjali. Dan l-eżerċizzju jkun jinvolvi ħin u riżorsi li għandhom jiġu bbilanċjati mal-ħtieġa li l-amministrazzjoni tkompli twettaq il-funzjonijiet u s-servizzi tagħha b'mod effiċjenti għall-benefiċċju taċ-ċittadin

Seduta Numru 25
20/10/2026

MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IT-TEKNOLOĠIJA U PROĠETTI STRATEĠIĊI – INFIQ FUQ REKLAMAR

3531. L-ONOR. EVE BORG BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jagħti rendikont tal-infiq fuq reklamar, marketing u relazzjonijiet pubbliċi mill-Ministeru tiegħu u minn kull dipartiment, aġenzija, awtorità u entità taħt ir-responsabbiltà tiegħu, separatament għas-sena 2025 u għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' wkoll jipprovdi l-informazzjoni f'tabella li tindika, għal kull nefqa, l-entità li għamlitha, l-isem tal-fornitur, il-kampanja jew is-servizz, it-tip ta' mezz użat, id-data jew il-perjodu tas-servizz, il-metodu ta' akkwist u l-ammont, filwaqt li jispeċifika jekk dan jinkludix il-VAT?

14/10/2026

ONOR. SILVIO SCHEMBRI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta Numru 25
20/10/2026

MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT – INFIQ FUQ REKLAMAR

3532. L-ONOR. EVE BORG BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tagħti rendikont tal-infiq fuq reklamar, marketing u relazzjonijiet pubbliċi mill-Ministeru tagħha u minn kull dipartiment, aġenzija, awtorità u entità taħt ir-responsabbiltà tagħha, separatament għas-sena 2025 u għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Tista' wkoll tipprovdi l-informazzjoni f'tabella li tindika, għal kull nefqa, l-entità li għamlitha, l-isem tal-fornitur, il-kampanja jew is-servizz, it-tip ta' mezz użat, id-data jew il-perjodu tas-servizz, il-metodu ta' akkwist u l-ammont, filwaqt li tispeċifika jekk dan jinkludix il-VAT?

14/10/2026

ONOR. JULIA FARRUGIA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat, flimkien mad-dipartimenti, l-aġenziji, u l-entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, għandu r-responsabbiltà u l-obbligu li jżomm lill-pubbliku infurmat dwar is-servizzi, il-proġetti u l-inizjattivi tal-Gvern, sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jagħmlu l-aħjar użu minnhom.
Għal dan il-għan, fl-Estimi Finanzjarji tal-Gvern hemm provvediment taħt il-Vot 29, Information Services, li jinkludi allokazzjoni għall-pubblikazzjoni ta' avviżi, kampanji ta' informazzjoni u edukazzjoni, u materjal ieħor ta' komunikazzjoni permezz ta' diversi mezzi. Dawn l-estimi huma diġà ppreżentati fuq il-Mejda tal-Kamra.
Fir-rigward tar-rendikont dettaljat mitlub, għandu jiġi ċċarat li l-ġbir, il-verifika u l-konsolidazzjoni tal-informazzjoni għal kull nefqa, minn kull dipartiment, aġenzija, u entità, skont il-kategoriji u l-perjodi indikati fl-interpellanza, jirrikjedu eżerċizzju amministrattiv estensiv u l-użu ta' riżorsi sostanzjali. Dan l-eżerċizzju jkun jinvolvi ħin u riżorsi li għandhom jiġu bbilanċjati mal-ħtieġa li l-amministrazzjoni tkompli twettaq il-funzjonijiet u s-servizzi tagħha b'mod effiċjenti għall-benefiċċju taċ-ċittadini.

Seduta Numru 25
20/10/2026

IMPACT ASSESSMENT FUQ L-EFFETT KUMULATTIV FUQ MALTA BĦALA STAT MEMBRU INSULARI TAL-MEKKANIŻMU TA' AĠĠUSTAMENT TAL-KARBONJU FIL-FRUNTIERI

3554. L-ONOR. JULIE ZAHRA staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3187, tista' l-Ministru tgħid jekk il-Gvern ikkunsidrax l-istudju ppubblikat mill-Bank Ċentrali ta' Malta fl-2024, bit-titlu "The extension of the EU emissions trading system to maritime transport: Implications for Maltese imports and wider ramifications", li analizza l-effetti ekonomiċi potenzjali taż-żieda fl-ispejjeż marittimi, u jekk hux qed jintuża bħala bażi għall-analiżijiet nazzjonali attwali, inkluż sabiex jiġu identifikati l-effetti addizzjonali fuq l-esportazzjonijiet li ma kinux ġew immudellati separatament fl-istess studju?

14/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li tajtha għall-mistoqsija parlamentari 3549.

Seduta Numru 25
20/10/2026

IMPACT ASSESSMENT FUQ L-EFFETT KUMULATTIV FUQ MALTA BĦALA STAT MEMBRU INSULARI TAL-MEKKANIŻMU TA' AĠĠUSTAMENT TAL-KARBONJU FIL-FRUNTIERI

3555. L-ONOR. JULIE ZAHRA staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3187, tista' l-Ministru tgħid jekk ir-riżultati tal-analiżijiet tekniċi u ekonomiċi li indikat li qed jitwettqu humiex ser jintużaw sabiex Malta tressaq proposti għal miżuri ta' mitigazzjoni jew trattament speċifiku li jirrifletti d-dipendenza strutturali tal-pajjiż fuq il-konnettività marittima u tal-ajru?

14/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li tajtha għall-mistoqsija parlamentari 3549.

Seduta Numru 25
20/10/2026

MALTEMPATA HARRY – TWISSIJIET DIRETTI FUQ MOBILES

3556. L-ONOR. JULIE ZAHRA staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3186, jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern hux qed iqis it-twissijiet permezz tal-media soċjali u l-mezzi tax-xandir bħala sistema alternattiva konformi mal-Artikolu 110(2) tad-Direttiva (UE) 2018/1972, meta l-istess artikolu jeskludi espressament is-servizzi tax-xandir mill-mezzi alternattivi previsti? Jekk iva, jista' jispjega fuq liema bażi legali u teknika l-Gvern wasal għal din il-konklużjoni? Jekk le, jista' jidentifika liema sistema oħra kienet tissodisfa r-rekwiżiti tal-istess artikolu matul il-Maltempata Harry ta' Jannar 2026?

14/10/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Risposta tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 25
20/10/2026

SISTEMA TA' TWISSIJIET PUBBLIĊI

3557. L-ONOR. JULIE ZAHRA staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid liema sistema ta' twissijiet pubbliċi kienet formalment fis-seħħ bejn il-21 ta' Ġunju 2022 u l-introduzzjoni tas-sistema Reverse 112, u jispeċifika jekk din kinitx konformi mal-Artikolu 110(1) jew mal-Artikolu 110(2) tad-Direttiva (UE) 2018/1972? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kwalunkwe valutazzjoni teknika jew legali, imwettqa fid-dawl tal-linji gwida tal-BEREC, li turi l-effettività tas-sistema, partikolarment f'termini ta' kopertura ġeografika, ħin tat-trażmissjoni tat-twissijiet u kapaċità li jintlaħqu l-persuni kollha fiż-żoni affettwati, inklużi turisti, persuni li jużaw servizzi ta' roaming u persuni temporanjament preżenti f'Malta? Jista' jgħid ukoll liema awtorità kienet responsabbli sabiex tivverifika din il-konformità u jekk sarux testijiet dokumentati tal-effettività tas-sistema?

14/10/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Risposta tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 25
20/10/2026

SITWAZZJONIJIET TA' EMERĠENZA – SISTEMA TA' TWISSIJIET

3558. L-ONOR. JULIE ZAHRA staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid, f'każ li Malta terġa' tiffaċċja maltempata qawwija jew sitwazzjoni oħra ta' emerġenza simili għall-Maltempata Harry, x'miżuri operattivi għandu attwalment fis-seħħ il-Gvern sabiex jiżgura li t-twissijiet jaslu fil-ħin għand il-persuni kollha fiż-żoni affettwati? Jista' jgħid ukoll jekk il-Gvern hux ser ikompli jiddependi fuq ix-xandir tradizzjonali u l-media soċjali, jew jekk hux ser jintroduċi miżuri temporanji ta' twissija diretta fuq il-mobile sakemm is-sistema Reverse 112 issir kompletament operattiva? Jista' jgħid ukoll kif dawn il-miżuri ser jilħqu wkoll persuni anzjani, turisti, ħaddiema u residenti barranin, partikolarment dawk li ma jsegwux il-mezzi tax-xandir Maltin jew il-paġni uffiċjali fuq il-media soċjali? Jista' jgħid ukoll jekk is-sistema Reverse 112 hijiex attwalment operattiva, u jekk le, x'inhi d-data prevista għat-tħaddim tagħha, u jekk sarux testijiet li jikkonfermaw il-kapaċità tagħha li tilħaq apparati kompatibbli b'SIM cards Maltin u barranin?

14/10/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Risposta tingħata f'seduta oħra

Seduta Numru 25
20/10/2026

CLIMATE VULNERABILITY AND RISK ASSESSMENT (VRA) – DOKUMENTI

3578. L-ONOR. JULIE ZAHRA staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għall-valutazzjoni nazzjonali tal-vulnerabilità u r-riskji marbuta mat-tibdil fil-klima fuq l-ekonomija Maltija, magħrufa bħala l-Climate Vulnerability and Risk Assessment (VRA), li ġiet ikkummissjonata permezz tas-sejħa għall-offerti SPD8/2021/004 u mogħtija lill-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament, fil-21 ta' Mejju 2021 għall-valur ta' €452,540 eskluż il-VAT, u b'referenza wkoll għar-rapport tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika ta' Ġunju 2025, "Climate Change Adaptation: Evaluating Malta's efforts relating to Flooding and Sea Level Rise", tista' l-Ministru:
i. tgħid jekk ir-rapport finali ta' din il-valutazzjoni, wasalx il-Ministeru f'Mejju 2024 u mgħoddi lill-Gvern f'Jannar 2025, kif dokumentat mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, u għaliex, minkejja ż-żmien li għadda, ir-rapport sħiħ u d-dokumentazzjoni teknika relatata miegħu għadhom ma ġewx identifikati bħala pubblikament aċċessibbli;
ii. tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja integrali tar-rapport finali tal-VRA, flimkien mal-Impact Chain Report, il-Policy Review Report, l-Assessment Report of Climate Impacts in the Maltese Islands, l-Evaluation Framework Report, l-Evaluation Report of Climate Vulnerability in the Maltese Islands, il-metodoloġiji, il-mudelli, is-senarji klimatiċi, il-mapep ġeografiċi, ir-riżultati settorjali u l-valutazzjonijiet ekonomiċi kollha li kienu parti mill-kuntratt; u
iii. tispeċifika għal kull dokument (jekk ma tistax tipprovdi dawn id-dokumenti kollha) ir-raġuni għan-nuqqas ta' żvelar, il-bażi legali preċiża, l-awtorità li ddeċidiet li tillimita l-aċċess, id-data ta' din id-deċiżjoni u jekk ġietx ikkunsidrata l-pubblikazzjoni parzjali jew b'redazzjonijiet limitati skont il-liġi?

15/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-rapport finali tal-Climate Vulnerability and Risk Assessment (VRA) wasal għand il-Ministeru f'Mejju 2024 u ġie sottomess lill-Gvern f'Jannar 2025, kif dokumentat ukoll fir-rapport tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika. Fir-rigward tat-talba sabiex jitqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra r-rapporti u d-dokumentazzjoni msemmija, il-pożizzjoni tal-Gvern tibqa' konsistenti ma' dik adottata fil-kuntest tat-talbiet magħmula skont l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Partijiet V u VI tal-imsemmi Att. M'hemmx aktar informazzjoni x'tiżdied ma' dik diġà dokumentata fir-rapport tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika.

Seduta Numru 25
20/10/2026

KUNSILLI LOKALI – FONDI MILL-AĠENZIJA LESA

3606. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jagħti elenku tal-proġetti li l-kunsilli lokali wettqu fil-lokalitajiet rispettivi, grazzi għall-fondi mill-Aġenzija LESA, mill-2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u jagħti din l-informazzjoni lokalità b'lokalità, it-tip ta' proġett, l-ammont ta' Ewro investiti proġett, proġett u sena b'sena?

16/10/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Risposta tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 25
20/10/2026

IL-ĦAMRUN – RATA TA' KRIMINALITÀ

3607. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jipprovdi l-aħħar statistika marbuta mar-rata ta' kriminalità fil-Ħamrun u jgħid x'qed isir abbażi tad-data li tinkiseb sabiex tissaħħaħ is-sigurtà?

16/10/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Risposta tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 25
20/10/2026

IL-MARSA – RATA TA' KRIMINALITÀ

3608. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jipprovdi l-aħħar statistika marbuta mar-rata ta' kriminalità fil-Marsa u jgħid x'qed isir abbażi tad-data li tinkiseb sabiex tissaħħaħ is-sigurtà?

16/10/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Risposta tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 25
20/10/2026

IL-BELT VALLETTA – RATA TA' KRIMINALITÀ

3609. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jipprovdi l-aħħar statistika marbuta mar-rata ta' kriminalità fil-Belt Valletta u jgħid x'qed isir abbażi tad-data li tinkiseb sabiex tissaħħaħ is-sigurtà?

16/10/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Risposta tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 25
20/10/2026

PIETÀ/G'MANĠA – RATA TA' KRIMINALITÀ

3610. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jipprovdi l-aħħar statistika marbuta mar-rata ta' kriminalità fil-Pietà/G'manġa u jgħid x'qed isir abbażi tad-data li tinkiseb sabiex tissaħħaħ is-sigurtà?

16/10/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Risposta tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 25
20/10/2026

IL-FURJANA – RATA TA' KRIMINALITÀ

3611. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jipprovdi l-aħħar statistika marbuta mar-rata ta' kriminalità fil-Furjana u jgħid x'qed isir abbażi tad-data li tinkiseb sabiex tissaħħaħ is-sigurtà?

16/10/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Risposta tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 25
20/10/2026

BIRŻEBBUĠA – TRIQ IŻ-ŻURRIEQ – XOGĦLIJIET

3616. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: B'referenza għax-xogħlijiet li qed isiru fi Triq iż-Żurrieq, Birżebbuġa, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-project plan li juri liema huma x-xogħlijiet li saru, jew ser isiru, min huwa responsabbli għal liema xogħlijiet u t-timeline?

16/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 25
20/10/2026

BIRŻEBBUĠA – TRIQ IŻ-ŻURRIEQ – WATER CULVERTS

3617. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: B'referenza għax-xogħlijiet li qed isiru fi Triq iż-Żurrieq, Birżebbuġa, jista' l-Ministru jgħid jekk hux ser isiru water culverts biex jiġi immaniġġjat l-ilma tax-xita u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-pjanti li juru l-infrastruttura li ser issir jew li ser tinbidel għal dan il-għan?

16/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 25
20/10/2026

BIRŻEBBUĠA – TRIQ IŻ-ŻURRIEQ – SISTEMA TAD-DRENAĠĠ

3618. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għax-xogħlijiet li qed isiru fi Triq iż-Żurrieq, Birżebbuġa, tista' l-Ministru tgħid kif u xiex ser jinbidel fis-sistema tad-drenaġġ, b'kemm ser tiżdied il-kapaċità tas-sistema u tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-pjanti li juru dan?

16/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninsab infurmata li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għaddejja bi proġett estensiv fejn qed isir bdil tal-mejnijiet tad-drenaġġ eżistenti kollha biex titjieb l-effiċjenza tan-network eżistenti.

Seduta Numru 25
20/10/2026

BIRŻEBBUĠA – TRIQ IŻ-ŻURRIEQ – XOGĦLIJIET – ĊERTIFIKATI

3619. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: B'referenza għax-xogħlijiet li qed isiru fi Triq iż-Żurrieq, Birżebbuġa, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra iċ-ċertifikati ta' kwalità u/jew konformità għax-xogħlijiet li diġà saru?

16/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 25
20/10/2026

BIRŻEBBUĠA – TRIQ IŻ-ŻURRIEQ – XOGĦLIJIET – ĊERTIFIKATI

3620. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għax-xogħlijiet li qed isiru fi Triq iż-Żurrieq, Birżebbuġa, tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra iċ-ċertifikati ta' kwalità u/jew konformità għax-xogħlijiet li diġà saru?

16/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninsab infurmata li preżentament il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma qed twettaq spezzjonijiet permezz ta' CCTV fuq il-mejnijiet li qed jitpoġġew waqt ix-xogħlijiet biex tiżgura li dawn qegħdin jiġu installati f'konformità mal-proċeduri stabbiliti. Meta ix-xogħol ikun finalizzat terġa' ssir spezzjoni oħra finali fejn jiġi ċċertifikat ix-xogħol kollu.

Seduta Numru 25
20/10/2026

BIRŻEBBUĠA – TRIQ IŻ-ŻURRIEQ – DISTRIBUZZJONI TAL-ELETTRIKU

3621. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għax-xogħlijiet li qed isiru fi Triq iż-Żurrieq, Birżebbuġa, tista' l-Ministru tgħid jekk sarux, jew hemmx il-ħsieb li jsiru, ix-xogħlijiet neċessarji sabiex id-distribuzzjoni tal-elettriku issir minn taħt l-art?

16/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninsab infurmata li fil-preżent l-Enemalta m'għandhiex ippjanati tali xogħlijiet.

Seduta Numru 25
20/10/2026

VETTURI ELETTRIĊI – IĊĊARĠJAR F'GARAXXIJIET MA' DJAR PRIVATI

3630. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk hemmx rati favorevoli jew skemi oħra fis-seħħ, li minnhom jistgħu/qegħdin jibbenefikaw sidien ta' vetturi elettriċi li jiċċarġjaw il-vetturi tagħhom f'garaxxijiet privati mad-djar tagħhom, bl-istess meter tal-elettriku li jforni lid-djar privati? Tista' tgħid ukoll jekk dawn is-sidien humiex qed jinqabdu b'rati tal-elettriku ogħla minħabba li bl-iċċarġjar tal-vetturi qed jinqabeż l-ammont ġeneralment ikkonsmat mill-użu tad-djar biss?

16/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li, fir-rigward tal-iċċarġjar ta' vetturi elettriċi f'residenzi privati, japplikaw ir-rati u l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Electricity Connection and Supply Regulations (ECSR). Hija għażla tal-klijent jekk jinstallax meter dedikat għall-iċċarġjar ta' vettura elettrika. Fejn jiġi installat tali meter, tapplika rata off-peak ta' €0.1298/kWh, filwaqt li barra l-ħinijiet off-peak japplikaw it-tariffi residenzjali normali skont kif stabbiliti fl-ECSR.

Seduta Numru 25
20/10/2026

PBS – BORD EDITORJALI

3631. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3044 u jgħid minn min huwa kompost il-Bord Editorjali tal-PBS? Jista' jgħid ukoll minn meta beda u meta jiskadi t-terminu ta' kull membru tal-istess bord, u x'inhi r-remunerazzjoni finanzjarja ta' kull membru?

16/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Bord Editorjali tal-PBS huwa dak kif ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern no. 21,593 tas-27 ta' Frar 2026, fejn qed inpoġġi Screen shot tagħha fuq il-Mejda tal-Kamra. Ir-remunerazzjoni annwali ssegwi strettament il-klassifika stabbilita fil-Manwal għall-istabbiliment tal-qafas għall-kategorizzazzjoni, il-klassifikazzjoni u r-remunerazzjoni ta' bordijiet u kumitati maħtura mill-Gvern, liema kopja tiegħu diġa' tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 25
20/10/2026

VALLETTA CULTURAL AGENCY – LAQGĦAT TAL-BORD U MINUTI

3632. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid meta tlaqqa' l-bord tal-Valletta Cultural Agency fil-perjodu bejn Jannar 2025 u Settembru 2026? Jista' jgħid ukoll jekk ittieħdux il-minuti f'kull laqgħa u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-minuti tal-laqgħat kollha li saru f'dan il-perjodu?

16/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: It-Tweġiba tingħata f' xi seduta oħra.

Seduta Numru 25
20/10/2026

IL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-KTIEB – MEMBRI U LAQGĦAT

3633. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-membri tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, meta ġew appuntati u sa meta jagħlaq it-terminu tagħhom? Jista' jgħid ukoll meta saret l-aħħar laqgħa ta' konsultazzjoni bejn il-Kunsill u l-pubblikaturi lokali kif ukoll jelenka liema Djar tal-Pubblikazzjoni attendew għal din il-laqgħa?

16/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Bord tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb huwa dak kif ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern no. 21,492 tat-22 t'Awwissu 2025, fejn qed inpoġġi kopja tagħha fuq il-Mejda tal-Kamra. Għal aħħar laqgħa ta' konsultazzjoni kien hemm preżenti 11-il rappreżentant min-naħa tal-pubblikaturi lokali.

Seduta Numru 25
20/10/2026

IĊ-ĊENTRU TAL-ILSIEN MALTI – LAQGĦAT TAL-BORD U MINUTI

3634. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-membri taċ-Ċentru tal-Ilsien Malti u meta tlaqqa' fil-perjodu bejn Jannar 2025 u Settembru 2026? Jista' jgħid ukoll jekk ittieħdux il-minuti f'kull laqgħa u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-minuti tal-laqgħat kollha li saru f'dan il-perjodu?

16/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: Ninforma lill-Onor. Interpellant liċ-Ċentru tal-Ilsien Malti, kif inhu stabbilit bil-liġi, m'għandux board tiegħu.

Seduta Numru 25
20/10/2026

IL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-ILSIEN MALTI – LAQGĦAT TAL-BORD U MINUTI

3635. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-membri li jiffurmaw il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, u meta tlaqqa' dan il-bord fil-perjodu bejn Jannar 2025 u Settembru 2026? Jista' jgħid ukoll jekk ittieħdux il-minuti f'kull laqgħa u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-minuti tal-laqgħat kollha li saru f'dan il-perjodu?

16/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 25
20/10/2026

IL-KALKARA – XATT TA' RINELLA – XOGĦLIJIET

3645. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 35571 tal-14-il Leġislatura, jista' l-Ministru jgħid fiex waslu x-xogħlijiet fix-Xatt tar-Rinella, il-Kalkara, wara l-ħsarat ikkawżati mill-maltempata ta' Jannar li għadda?

16/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi x-xogħlijiet fil-Bajja tar-Rinella għaddejjin bħalissa, u fil-ġimgħat li ġejjin huwa mistenni li jerġa' jinfetaħ l-ewwel nofs tal-bajja, fejn ix-xogħlijiet kienu bdew aktar kmieni din is-sena. Malli din il-parti tkun miftuħa għall-pubbliku, huwa ppjanat li jibda x-xogħol fuq in-nofs l-ieħor tal-bajja, bil-għan li x-xogħlijiet fuq il-ħitan tal-bajja jkunu lesti għas-sajf li ġej.

Seduta Numru 25
20/10/2026

ĦAŻ-ŻABBAR – ST. PETER'S AREA – BUS STOP 'MARŻEBB'

3646. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 35572 tal-14-il Leġiżlatura, tista' l-Ministru tgħid fiex waslu x-xogħlijiet fuq il-bus stop 'Marżebb' li jinsab f'St. Peter's Area f'Ħaż-Żabbar?

16/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ninsab infurmata mill-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar li x-xogħlijiet relatati mal-bus stop 'Marżebb', li jinsab f' St. Peter's Area f'Ħaż-Żabbar għadhom mhux konklużi, hekk kif bħalissa qed jistennew ix-xogħlijiet konnessa mal-installazzjoni min-naħa tal-kumpanija Faces Ltd.

Seduta Numru 25
20/10/2026

SKEMA 'BUYING ENERGY-EFFICIENT HOMES'

3647. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 896 u 2016 li oriġinarjament saru lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet u lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi u jgħid kemm-il persuna applikat għall-iskema 'Buying Energy-Efficient Homes' sa issa?

16/10/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 25
20/10/2026

KUNSILLI LOKALI – PLANNING FUND

3648. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1273 u jgħid kemm hemm kunsilli lokali li jużaw il-fondi li għandhom ġewwa l-planning fund allokat għall-kunsill lokali tagħhom?

16/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tiġi miġbura.

Seduta Numru 25
20/10/2026

MARSASKALA – BAJJA TA' SAN TUMAS – PARKEĠĠ – ĦLAS

3649. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 940, minħabba l-fatt li l-parkeġġ fil-Bajja ta' San Tumas, Marsaskala se jkun bla ħlas, jista' l-Ministru jgħid jekk hux ser ikun hemm kumpens għas-sid ta' din l-art?

16/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex tirreferi din il-Mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 25
20/10/2026

PREVENZJONI TA' SUWIĊIDJI – MIŻURI

3725. L-ONOR. MIRIANA CALLEJA TESTAFERRATA DE NOTO staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'miżuri konkreti qed jittieħdu biex tissaħħaħ il-prevenzjoni tas-suwiċidju f'Malta u Għawdex? Jista' jgħid ukoll kemm persuni jinsabu attwalment fuq il-lista ta' stennija għas-servizzi tas-saħħa mentali offruti mill-Gvern, x'inhu ż-żmien medju ta' stennija għal dawn is-servizzi, u kif qed jiġi assigurat li persuni f'riskju ta' suwiċidju jingħataw għajnuna psikoloġika immedjata?

16/10/2026

ONOR. IAN BORG: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 25
20/10/2026

PERSUNI LI JBATU MINN PROBLEMI TA' SAĦĦA MENTALI – APPOĠĠ

3726. L-ONOR. MIRIANA CALLEJA TESTAFERRATA DE NOTO staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'servizzi ta' appoġġ psikoloġiku, counselling u gwida qed jiġu offruti mill-Gvern lill-familjari ta' persuni li jbatu minn problemi ta' saħħa mentali, partikolarment dawk li jieħdu ħsiebhom ta' kuljum?

16/10/2026

ONOR. IAN BORG: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 25
20/10/2026

MEMBRI TAL-KORP TAL-PULIZIJA – MIŻURI TA' PROTEZZJONI

3727. L-ONOR. MIRIANA CALLEJA TESTAFERRATA DE NOTO staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid kemm membri tal-Korp tal-Pulizija sfaw vittmi ta' aggressjoni fiżika jew ġarrbu ġrieħi waqt il-qadi ta' dmirijiethom bejn l-2021 u l-2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena? Jista' jgħid ukoll x'miżuri qed jittieħdu biex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-membri tal-Korp tal-Pulizija?

16/10/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Risposta tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 25
20/10/2026

MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET BIL-MIKTUB

MINISTERU GĦALL-UGWALJANZA U D-DRITTIJIET ĊIVILI – RAPPORTI TA' FASTIDJU SESSWALI – SENA 2025

W290. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien hemm rapporti ta' fastidju sesswali fil-ministeru tagħha fl-2025?

22/06/2026

ONOR. ROSIANNE CUTAJAR: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fl-2025 il-Ministeru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili kif inhu kompost illum ma kienx iffurmat. Madanakollu ma jirriżultax li fis-sena msemmija kien hemm xi rapport ta' fastidju sesswali fid-dipartimenti u l-entitajiet li jaqgħu taħtu llum.

Seduta Numru 25
20/10/2026

MINISTERU GĦALL-UGWALJANZA U D-DRITTIJIET ĊIVILI – RAPPORTI TA' FASTIDJU SESSWALI – SENA 2025

W291. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien hemm rapporti ta' fastidju sesswali f'kull entità li taqa' taħt il-ministeru tagħha fl-2025?

22/06/2026

ONOR. ROSIANNE CUTAJAR: Ninforma lill-Onor. Interpellant li ma kien hemm l-ebda rapporti ta' fastidju sesswali fil-Ministeru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili jew l-entitajiet li jaqgħu taħtu.

Seduta Numru 25
20/10/2026

MINISTERU GĦALL-UGWALJANZA U D-DRITTIJIET ĊIVILI – RAPPORTI TA' FASTIDJU SESSWALI – SENA 2024

W293. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien hemm rapporti ta' fastidju sesswali f'kull entità li taqa' taħt il-ministeru tagħha fl-2024?

22/06/2026

ONOR. ROSIANNE CUTAJAR: Ninsab infurmata li ma kienx hemm rapporti ta' fastidju sesswali fl-entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili, fl-2024.

Seduta Numru 25
20/10/2026

MINISTERU GĦALL-UGWALJANZA U D-DRITTIJIET ĊIVILI – HEALTH AND SAFETY OFFICERS

W302. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili: Tista' l-Ministru tgħid jekk hemmx health and safety officer fil-ministeru tagħha u jekk le, għaliex?

22/06/2026

ONOR. ROSIANNE CUTAJAR: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi Health and Safety Officer li impjegat full time mhuwiex rikwest mill-liġi. Madanakollu, għarfien rigward is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol huwa kontinwu.

Seduta Numru 25
20/10/2026